

**ANNESS I**  
**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Suprelorin 4.7 mg impjant għall-krieb u l-qtates

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

**Sustanza attiva:**

Deslorelin (bħala deslorelin acetate) 4.7 mg

**Ingredjenti oħra:**

<b>Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra</b>
Żejt tal-palma idroġenizzat
Leċcitina
Aċetat tas-sodju anidru

Impjant ċilindriku abjad li jagħti fl-isfar ċar.

## **3. TAGĦRIF KLINIKU**

### **3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Krieb, qtates (irġiel).

### **3.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott**

Krieb irġiel:

Għall-induzzjoni ta' infertilità temporanja fi krieb irġiel f'saħħithom, intatti, u sesswalment maturi.

Krieb nisa qabel il-pubertà:

Għall-induzzjoni ta' infertilità temporanja biex tittardja l-ewwel sinjali tal-estru u tas-sħana, u biex tiġi evitata t-tqala f'et-żgħira fil-krieb nisa sesswalment immaturi intatti u f'saħħithom. L-impjant għandu jitqiegħed bejn l-età ta' 12 u 16-il ġimġha.

Qtates irġiel:

Għall-induzzjoni tal-infertilità temporanja u t-tażżeen tar-riħha tal-awrina u tal-imġiba sesswali bħal libido, vokalizzazzjoni, immarkar bl-awrina, u aggressività fi qtates irġiel intatti minn 3 xhur.

### **3.3 Kontraindikazzjonijiet**

Xejn.

### **3.4 Twissijiet speċjali**

L-ispeċi kollha fil-mira

F'ċerti każijiet, l-impjant jista' jintilef minn annimal ittrattat. Jekk ikun hemm suspect ta' nuqqas ta' effikaċja mistennija, allura l-preżenza taħbi il-ġilda tal-impjant għandha tigħiġi ċċekkjata.

Krieb irġiel

L-infertilità tinkiseb minn 6 ġimħat sa ta' lanqas 6 xhur wara t-trattament inizjali. Għalhekk, klieb ittrattati għandhom xorta jinżammu 'l bogħod minn klieb nisa sħan matul l-ewwel sitt ġimħat wara t-trattament inizjali.

Wieħed minn 75 kelb ittrattati b'dan il-prodott mediċinali veterinarju waqt il-provi kliniċi tgħammar u ntrabat ma' kelba sħuna fi żmien sitt xhur tal-impjantazzjoni, iżda dan ma rriżultax fi tqala. Jekk kelb jitgħammar ma' kelba bejn 6 ġimħat u 6 xhur wara t-trattament, għandhom jittieħdu miżuri adattati biex jiġi eliminat ir-riskju ta' tqala.

F'każijiet rari ġie rrapporat suspett ta' nuqqas ta' effikaċja mistennija (fil-maġġoranza tal-każijiet ġie rrapporat nuqqas ta' tnaqqis tad-daqs tat-testikoli u/jew kelba għet mgħammra). Il-livelli ta' testosterone biss (jiġifieri markatur sostitut stabbilit ta' fertilità) setgħu jikkonfermaw b'mod definitiv nuqqas ta' effikaċja tat-trattament.

Kull tgħammir li jseħħ aktar minn 6 xhur wara t-tqegħid tal-prodott mediċinali veterinarju jista' jirriżulta fi tqala. Madankollu, mhuwiex neċċessarju li żżomm klieb nisa 'l bogħod minn klieb ittrattati wara impjantazzjonijiet sussegwenti, kemm-il darba dan il-prodott mediċinali veterinarju jingħata kull 6 xhur.

Jekk hemm suspett ta' telf tal-ewwel impjant, dan jista' jiġi kkonfermat billi ma jiġi osservat ebda tnaqqis fiċ-ċirkonferenza tal-iskrotu jew fil-livelli ta' testosterone plasma wara 6 ġimħat mid-data tas-suspett ta' telf, minħabba li t-tnejn li huma għandhom jonqsu wara li l-impjant isir kif suppost. Jekk ikun hemm suspett ta' telf tal-impjant wara li jkun għie impjantat mill-ġdid wara 6 xhur, f'dak il-każ tiġi osservata żieda progressiva fiċ-ċirkonferenza tal-iskrotu u/jew fil-livelli ta' testosterone plasma. F'dawn iż-żewġ ċirkustanzi, għandu jiġi amministrat impjant ta' sostituzzjoni.

Il-ħila ta' klieb li jsiru missirijiet ta' ġriewi wara li l-livelli ta' testosterone fil-plażma jiġu lura għan-normal, wara l-għoti tal-prodott mediċinali veterinarju, ma għietx investigata.

Fir-rigward ta' livelli ta' testosterone (marka stabbilita sostituta għal kejl tal-fertilità), waqt provi kliniċi, aktar minn 80 % ta' klieb li tqegħidilhom impjant wieħed jew aktar, irritornaw għal-livelli normali ta' testosterone fil-plażma ( $\geq 0.4$  ng/ml) fi żmien 12-il xahar mill-impjantazzjoni. Tmienja u disgħin fil-mija tal-klieb irritornaw għall-livelli normali ta' testosterone fil-plażma fi żmien 18-il xahar mill-impjantazzjoni. Madankollu, *data* li turi r-riversibilità kompluta tal-effetti kliniċi (tnaqqis fid-daqs testikolari, tnaqqis fil-volum ta' eġakulazzjoni, tnaqqis fl-għadd tal-isperma u tnaqqis fil-libido) li jinkludi l-fertilità wara 6 xhur, jew impjantazzjoni ripetuta, hija limitata. F'każijiet rari ħafna l-infertilità temporanja tista' ddum aktar minn 18-il xahar.

Waqt provi kliniċi, il-parti l-kbira tal-klieb ta' statura iż-ġħar (< 10 kg piż) żammew livelli ta' testosterone imrażżna għal aktar minn 12-il xahar wara l-impjantazzjoni. Għal klieb kbar hafna (> 40 kg piż) it-tagħrif huwa ristrett iż-żda t-tul ta' żmien ta' trażżeen ta' testosterone kien komparabbli ma' dak li jidher fi klieb ta' daqs medju u kbir. Għaldaqstant, l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fi klieb ta' piż tal-ġisem ta' anqas minn 10 kg jew aktar minn 40 kg, għandu jkun suġġett għal stima ta' riskju/benefiċċju magħħmula minn veterinarju.

Kastrazzjoni kirurġika jew medika jista' jkollha konsegwenzi mhux mistennija (titjib jew aggravar) fuq l-aggressività. Għalhekk, klieb b'disturbi soċċjopatiċi u li juru episodji ta' aggressjonijiet intra-spécifiċi (kelb ma' kelb) u/jew inter-spécifiċi (kelb ma' speċi oħra) ma għandhomx jiġu kkastrati, la kirurġikament u lanqas bl-impjant.

### Klieb nisa qabel il-pubertà

Matul il-provi kliniċi, l-ewwel estru jseħħi minn 6 sa 24 xahar wara l-għoti tal-prodott fi 98.2 % tal-animali; għal waħda minn 56 kelba (1.8 %) is-sopprezzjoni tal-estru damet 5 xhur. Speċifikament, 44.6 % tal-klieb nisa wrew l-ewwel estru tagħhom bejn 6 u 12-il xahar wara l-impjantazzjoni, 53.6 % bejn 12 u 24 xahar wara l-impjantazzjoni.

Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata biss lil klieb nisa ta' qabel il-pubertà ta' bejn 12-16-il ġimgħa, li ma juru l-ebda sinjal ta' estru. Kejl tal-livelli ormonali u smears vaġinali jistgħu jintużaw biex jikkonfermaw in-nuqqas ta' estru.

### Qtates irġiel

Fil-qtates irġiel maturi, l-induzzjoni tal-infertilità u t-taħżeen tar-riħa tal-awrina u l-imġiba sesswali jinkisbu minn madwar 6 ġimgħat sa 12-il xahar wara l-impjantazzjoni. Jekk qattus raġel imiss ma' regina qabel 6 ġimgħat jew wara 12-il xahar minn meta jiġi impjantat, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi eskuż ir-riskju ta' tqala.

Meta ġie impjantat fi qtates irġiel ta' 3 xhur, is-sopprezzjoni tal-fertilità damet mill-inqas 12-il xahar f' 100 % tal-qtates u għal aktar minn 16-il xahar f' 20 % tal-qtates.

Għall-biċċa l-kbira tal-qtates, fi żmien ġimaginej wara l-impjantazzjoni, il-livelli ta' testosterone jonqsu, segwit minn volum testikolari mnaqqas u daqs imnaqqas tas-sinsla tal-pene minn ġimgħat 4-8 wara l-impjantazzjoni. L-imġiba sesswali tibda tonqos fi żmien ġimgħa wara t-trattament, u tibda b'vokalizzazzjoni mnaqqsa, segwita minn tnaqqis fil-libido, ir-riħa tal-awrina, l-immarkar bl-awrina, u l-aggressività minn 4 ġimgħat wara l-impjantazzjoni. Xi mgħiba sesswali, eż. l-immuntar u l-għidha tal-għonq, jista' jkollhom ukoll komponent soċjali, madankollu, il-qattus raġel sottoregolat ma jistax itemm tgħammir jew jinduċi l-ovulazzjoni fir-regina. L-effetti kliniċi fuq ir-riħa tal-awrina, l-immarkar bl-awrina, il-volum testikolari, id-daqs tas-sinsla tal-pene, u l-imġiba sesswali jibdew jonqsu wara madwar 12-il xahar wara l-impjantazzjoni.

Il-kors ta' żmien u t-tul tas-sottoregolazzjoni osservati wara t-trattament huwa varjabbi, bi 28 xahar li huwa t-tul massimu osservat biex jerġa' lura għall-fertility normali wara l-impjantazzjoni. Fi studju fuq il-post, 22 qattus raġel ingħataw it-tieni impjant 12-il xahar wara l-ewwel wieħed li estenda t-tul tal-funzjoni riproduttiva u l-imġiba sesswali mrażżna għal sena oħra.

F' 1-3 % tal-qtates irġiel, ġiet irrapportat nuqqas ta' effikaċċja mistennija abbażi ta' espressjoni kontinwa ta' mgħiba sesswali, tgħammir li jirriżulta fi tqala, u/jew nuqqas ta' sopprezzjoni tal-livelli ta' testosterone fil-plażma (markatur surrogat stabbilit tal-fertilità). Fil-każ ta' dubju, sid l-annimal għandu jikkunsidra li jżomm il-qattus ittrattat separat mill-irġejjen fejn it-tqala ma tkunx mixtieqa.

### **3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu**

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

#### Klieb irġiel

L-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fi klieb irġiel qabel il-pubertà ma' ġiex mistħarreġ. Għalhekk huwa rrakkomandat li l-klieb irġiel jitħallew jilħqu l-pubertà qabel ma jinbeda t-trattament bil-prodott mediċinali veterinarju.

It-tagħrif juri li trattament bil-prodott mediċinali veterinarju jnaqqas il-libido tal-kelb.

#### Klieb nisa qabel il-pubertà

Fi studju, mill-34 kelba li ġew impjantati bejn 16 u 18-il ġimgħa, annimal wieħed impjantat f'et-ta' ta' 16 sa 17-il ġimgħa u żewġ annimali impjantati f'et-ta' ta' 17 sa 18-il ġimgħa wrew estru indott mill-impjant.

Trattament ripetut ma' ġiex investigat fil-klieb nisa u, għalhekk, mħuwiex rakkomandat.

Wara li ntlaħqet il-maturità sesswali wara tmiem tal-effett ta' impjant wieħed, ingħabret informazzjoni dwar iċ-ċikli tas-sħana u l-abbiltà tal-klieb nisa li jipproduċċu boton: ma ġie nnotat l-ebda tħassib dwar is-sikurezza riproduttiva. Fi stħarriġ ta' segwitu tlelew sitt tqaliet f'ħames klieb nisa b'wieħed sa disa'

ġriewi ġajjin. Minħabba l-ammont limitat ta' tagħrif, l-użu fil-klieb nisa qabel il-pubertà maħsuba għat-tgħammir għandu jsir skont valutazzjoni tal-benefiċċju/riskju mill-veterinarju responsabbli.

L-użu fil-klieb nisa maturi sesswalment biex jissopprimi l-funzjoni riproduttiva u ċ-ċiklu tal-estrū mhux rakkmandat, minħabba r-riskju li jindu ċi estru, li jista' jikkawża patoloġija tal-utru u tal-ovarji (metropatija, ċisti) u tqala mhux mixtieqa.

### Qtates irġiel

M'hemm l-ebda *data* disponibbli fi qtates b'testikoli mhux imniżżla mal-impjantazzjoni. Huwa rakkmandat li tistenna sakemm it-testikoli jkunu niżlu qabel ma tamministra l-prodott. Hemm *data* limitata disponibbli dwar ir-ritorn għall-fertilità normali wara amministrazzjonijiet ripetuti tal-prodott mediċinali veterinarju.

Il-kapaċċità tal-qtates li jgħib frieħ wara li jerġgħu lura għal-livelli normali ta' testosterone fil-plażma, wara l-amministrazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju, ma għixx murija bis-sħiħ, speċjalment fi qtates qabel il-pubertà. Deċiżjoni li jintuża l-prodott mediċinali veterinarju fi qtates irġiel li huma maħsuba biex jintużaw għat-tgħammir għalhekk jeħtieġ li jsir fuq bażi ta' każ b'każ.

### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali:

Nisa tqal m'għandhomx jamministrax il-prodott mediċinali veterinarju. Analogu ieħor ta' GnRH ieħor għie muri li huwa fetotssiku f'animali fil-laboratorju. Ma sarux studji speċifiċi biex jevalwaw l-effett ta' deslorelin meta jkun amministrat waqt it-tqala.

Għalkemm kuntatt mal-ġilda bil-prodott muhuwiex probabbli, jekk dan iseħħ, aħsel fil-pront il-parti esposta, għaliex analogi ta' GnRH jistgħu jiġi assorbiti mill-ġilda.

Meta tkun qiegħed tamministra l-prodott mediċinali veterinarju, oqgħod attent li tevita li tinjetta lilek innifsek aċċidentalment billi tiżgura li l-animali jkunu mrażżna kif jixraq u li l-labra li biha jingħata tkun imħarsa sal-mument tal-impjantazzjoni.

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentalni, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett tat-tagħrif jew it-tiketta lit-tabib, bil-ġhan li jitneħħielek l-impjant.

### Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mhux applikabbli.

### **3.6 Effetti mhux mixtieqa**

#### Klieb (irġiel u nisa):

Komuni (1 sa 10 animali / 100 animali ittrattati):	Nefħa fis-sit tal-impjant, Formazzjoni ta' skorċa fis-sit tal-impjant <sup>1</sup> Dermatite <sup>2</sup>
Rari (1 sa 10 animali / 10,000 animali ittrattati):	Bidla fil-pil (Telf tal-pil, Alopecia, Modifika tal-pil) Inkontinenza tal-urina Tnaqqis fid-daqs tat-testikoli Attività mnaqqsa, Żieda fil-piż
Rari ħafna (< 1 animali / 10,000 animali ittrattati, inkluż rapporti iżolati):	Tlugħi tat-testikoli <sup>3</sup> , Żieda fid-daqs tat-testikoli <sup>4</sup> , Uġiġħ testikolari <sup>4</sup> Interess sesswali miżjud <sup>5</sup> , Aggressjoni <sup>5</sup> Aċċessjonijiet epilettiċi <sup>6</sup>

Frekwenza mhux determinata (Ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli):	Dewmien fl-għeluq tal-plates tat-tkabbir <sup>7</sup>
---	---

<sup>1</sup>Moderata, għal 14-il ġurnata

<sup>2</sup>Lokali, iddum sa 6 xhur

<sup>3</sup>Miċ-ċirku ingwinali

<sup>4</sup>Immedjatament wara l-impjantazzjoni, temporanju, jgħaddi mingħajr trattament

<sup>5</sup>Temporanju

<sup>6</sup>Bħala medja 40 ġurnata wara l-impjantazzjoni, iż-żmien medjan sal-bidu tas-sinjal kien ta' 14-il ġurnata wara l-impjantazzjoni, l-aktar kmieni fl-istess jum tal-impjantazzjoni, u l-aktar tard 36 ġimħa wara l-impjantazzjoni. L-ormoni sesswali (testosteron u progesterone) jimmodulaw is-suxxettibbiltà għal aċċessjonijiet fil-bnedmin u fl-annimali

<sup>7</sup>F'għadam twil mingħajr konsegwenzi kliniċi jew patoloġiċi

#### Qtates:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimali trittattati):	Żieda fl-apptit <sup>1</sup> , Żieda fil-piż <sup>1</sup> Reazzjoni fis-sit tal-impjant (Ħmura fis-sit tal-impjant <sup>2</sup> , Uġiġħ fis-sit tal-impjant <sup>2</sup> , Shana fis-sit tal-impjant <sup>2</sup> , Nefħa fis-sit tal-impjant <sup>3,4</sup> )
Frekwenza mhux determinata (Ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).	Interess sesswali miżjud, Timriħ <sup>5</sup> Dewmien fl-għeluq tal-plates tat-tkabbir <sup>6</sup>

<sup>1</sup>Sa 10 % matul il-perjodu ta' effett

<sup>2</sup>Fil-jum tal-impjantazzjoni, temporanju

<sup>3</sup>Nefħa ta' < 5 mm, sa 45 jum

<sup>4</sup>Nefħa severa (> 4 cm) li ddu aktar minn 7 xhur kienet irrapportata f'1 minn 18-il qattus fi studju tal-laboratorju

<sup>5</sup>Matul l-ewwel ġimġħat wara l-impjantazzjoni, temporanjament fi qtates maskili maturi

<sup>6</sup>F'għadam twil mingħajr konsegwenzi kliniċi jew patoloġiċi

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilment permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqiegħid fis-suq jew ir-rappreżentant lokali tiegħi jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara l-fuljett ta' tagħrif għad-dettalji ta' kuntatt rispettivi.

### **3.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien**

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddiġ.

### **3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni**

Xejn li hu magħruf.

### **3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ**

Għal użu taħt il-ġilda.

Id-doża rakkomandata hija impjant wieħed għal kull kelb jew qattus, irrisspettivament mid-daqs tal-kelb jew tal-qattus (ara wkoll punt 3.4).


Is-sit tal-impjantazzjoni għandu jiġi diżinfettat qabel l-impjantazzjoni biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' infezzjoni. Jekk is-suf ikun twil għandha tiġi mqaxxa parti żgħira mill-ġilda, jekk meħtieġ.

Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi impjantat taħt il-ġilda, fil-ġilda mlaħalħa ta' fuq id-dahar bejn il-parti t'isfel tal-ġħonq u ż-żona lumbari. Evita l-injezzjoni tal-impjant ġox-xaħam, peress li l-ħelsien tas-sustanza attiva jista' jkun imxekkel f'partijiet b'vaskularizzazzjoni baxxa.

1. Neħħi t-tapp Luer Lock minn mal-impjantatur.
2. Waħħal l-attwatur mal-impjantatur permezz tal-konnessjoni Luer Lock.
3. Għolli l-ġilda bejn l-għad-dam tal-is-palel. Daħħal it-tul kollu tal-labtra taħt il-ġilda.
4. Niżżejjel kompletament il-plunger u, fl-istess ħin iġbed lura l-labtra bil-mod.
5. Agħfas il-ġilda fis-sit fejn ingħatat l-injezzjoni waqt li tkun qiegħed tneħħi l-labtra, u żomm magħfus għal 30 sekonda.
6. Eżamina s-siringa u l-labtra biex tassigura li l-impjant ma baqax fis-siringa jew fil-labtra, u li l-ispazjatur jidher. Jista' jkun possibbli li tħoss l-impjant *in situ*.

Irrepeti l-ġħoti kull 6 xħur sabiex tibqa' tinżamm l-effikaċja fil-klieb irġiel u kull sena biex iżżomm l-effikaċja fil-qtates irġiel.

Impjant mgħobbi minn qabel



Tużax il-prodott mediċinali veterinarju jekk il-pawċ tal-folja jkun imqatta'.

L-impjant huwa bijokompatibbli u mhux meħtieġ li jitneħħha. Madankollu, jekk ikun meħtieġ li jitwaqqaf it-trattament, l-impjanti jew il-frammenti tiegħu jistgħu jitneħħew kirurġikament minn veterinarju. L-impjanti jistgħu jinstabu bl-ultrasound.

### **3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbi, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)**

#### Klieb:

L-ebda reazzjonijiet kliniċi avversi għajr dawk deskritti f'sezzjoni 3.6 jew boċċa ħdejn is-sit tal-injezzjoni ma ġew osservati wara l-ġħoti taħt il-ġilda fl-istess ħin sa 10 darbiet id-doża rakkomandata u sa 15-il impjant fuq sena, jiġifieri amministrazzjoni simultanja ta' 5 impjanti kull 6 xħur għal 3 korsijiet konsekuttivi, jew amministrazzjoni simultanja ta' 3 impjanti kull 3 xħur għal 5 korsijiet konsekuttivi. Ġew osservati aċċessjonijiet f'kelb raġel wieħed u kelba waħda b'5 darbiet id-doża rakkomandata. L-aċċessjonijiet ġew ikkontrollati permezz ta' kura sintomatika. Istoloġikament, reazzjonijiet lokali ħfief b'infjammazzjoni kronika tat-tessut konnettiv u xi formazzjoni kapsula u depożizzjoni kollaġen ġew osservati fi żmien 3 xħur wara l-amministrazzjoni wara l-ġħoti taħt il-ġilda sa 10 darbiet id-doża rakkomandata.

#### Qtates:

Fi studju tal-laboratorju, fejn qtates irġiel irċevew impjant wieħed jew tlieta 3 darbiet b'intervalli ta' 6 xħur, 3 minn 8 żviluppa nefħa severa ( $> 4 \text{ cm}$ ) fis-sit tal-injezzjoni interskapulari li damet mill-inqas 4 ġimħat wara t-tieni u/jew it-tielet impjantazzjoni.

Każijiet ta' infertilità ġew irrapportati wara esponiment għal doża eċċessiva off-label fi qtates tat-tweliż kif ukoll f'qattus matur wieħed.

### **3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza**

Mhux applikabbi.

### **3.12 Perjodi ta' tiżmim**

Mhux applikabbi.

## **4. INFORMAZZJONI FARMAKOLOĠIKA**

### **4.1 Kodiċi ATC veterinarja: QH01CA93.**

### **4.2 Kwalitajiet farmakodinamiċi**

L-agonista ta' GnRH, deslorelin, jaħdem billi jrażżan il-funzjoni tal-assi pitwitarju-gonadali meta jkun applikat f'doża baxxa kontinwa. Dan it-trażżeen jirriżulta fil-falliment tal-annimali trattati, intatti jew ikastrati kirurġikament, li jissintetizzaw u/jew jerħu ormon li jistimula l-follikulu (FSH, follicle stimulating hormone) u l-ormon luteinizzanti (LH, luteinising hormone), l-ormoni li huma responsabbli għaż-żamma tal-fertilità kif ukoll imġibiet sesswali sekondarji.

Fi klieb jew qtates irġiel, id-doża baxxa u kontinwa ta' deslorelin tnaqqas il-funzjonalità u d-daqs tal-organi riproduttivi tar-raġel, il-libido, u l-ispermatoġenesi, u tnaqqas il-livell ta' testosterone fil-plażma, minn 4-6 ġimgħat wara l-impjantazzjoni. Żieda ta' testosterone fil-plażma għal żmien qasir u li jgħaddi, tista' tiġi murija immedjatamente wara l-impjantazzjoni. Kejl tal-konċentrazzjonijiet ta' testosterone fil-plażma wera l-effett farmakoloġiku persistenti tal-preżenza kontinwa ta' deslorelin fiċ-ċirkolazzjoni għal tal-anqas sitt xħur fil-klieb u tħażżeen il-xahar fil-qtates wara l-amministrazzjoni tal-prodott mediciinali veterinarju.

Fi klieb nisa sesswalment immaturi, id-doża baxxa kontinwa ta' deslorelin iżżomm lill-klieb nisa fi stat fiżjoloġikament immatur u tipprevjeni ż-żieda fil-livelli ta' estradiol u progesterone fil-plażma. Din is-sottoregolazzjoni ormonali trażżan l-iżvilupp u l-funzjoni tal-organi riproduttivi femminili u s-sinjal tal-imġiba tas-ħħana sesswali assoċjati u l-bidliet fiċ-ċitoloġija vaġinali.

### **4.3 Kwalitajiet farmakokinetiċi**

#### **Klieb:**

Il-livelli ta' deslorelin fil-plażma ġew murija li jilħqu l-quċċata minn 7 sa 35 jum, wara t-tqegħid ta' impjant li jkun fih 5 mg deslorelin radjutikkettat. Is-sustanza tista' tiġi mkejla direttament fil-plażma għal madwar xahrejn u nofs wara l-impjantazzjoni. Il-metaboliżmu ta' deslorelin huwa rapidu.

#### **Qtates irġiel:**

Fi studju li jinvestiga l-farmakokinetika fil-qtates, intwera li l-konċentrazzjonijiet ta' deslorelin fil-plażma jilħqu l-ogħla livelli f'sagħtejn ( $C_{max}$ ) f'madwar 100 ng/ml segwiti minn tnaqqis rapidu b'92 %, 24 siegħa wara l-impjantazzjoni. Wara 48 siegħa, kien osservat tnaqqis bil-mod u kontinwu tal-konċentrazzjonijiet ta' deslorelin fil-plażma. It-tul tar-rilaxx ta' deslorelin minn impjanti ta' Suprelorin, ikkalkulat bħala konċentrazzjonijiet ta' deslorelin fil-plażma li jistgħu jitkejlu, varja minn 51 ġimgħa għal mill-inqas 71 ġimgħa (it-tmiem tal-istudju).

## **5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **5.1 Inkompatibbiltajiet maġġuri**

Xejn li hu magħruf.

### **5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediciinali**

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin.

### **5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Aħżeen fil-friġġ (2°C – 8°C).

Tagħmlux fil-friża.

### **5.4 In-natura u l-ġħamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott**

L-impjant jiġi fornut fi strument apposta sabiex jitqiegħed l-impjant, ikkargat bil-lest. Kull tali strument ikkargat minn qabel huwa ppakkjat f'pawċ issiġillat tal-fojl, li sussegwentement jiġi sterilizzat.

Kaxxa tal-kartun li fiha żewġ jew ħames strumenti biex jitqiegħed l-impjant, imgeżwra individwalment fil-fojl u li jkunu ġew sterilizzati, flimkien ma' strument mhux sterilizzat sabiex jitqiegħed l-impjant (attwatur). Dan l-strument jiġi mwaħħal mal-strument li fih hemm l-impjant permezz ta' konnessjoni Luer Lock.

Mhux id-daqsjiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

### **5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

L-attwatur jista' jerġa' jintuża.

## **6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

VIRBAC

## **7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/07/072/001

EU/2/07/072/002

## **8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 10/07/2007

## **9. DATA TAL-AĦĦAR REVİŞJONI TAL-KARRATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## **10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid-‘*database*’ tal-Prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

## **1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Suprelorin 9.4 mg impjant għall-krieb u nimsa

## **2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA**

**Sustanza attiva:**

Deslorelin (bħala deslorelin acetate) 9.4 mg

**Ingredjenti oħra:**

<b>Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra</b>
Żejt tal-palma idroġenizzat
Leċitina

Impjant ċilindriku abjad li jagħti fl-isfar ċar.

## **3. TAGĦRIF KLINIKU**

### **3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott**

Krieb (irġiel) u nimsa (irġiel).

### **3.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott**

Għall-induzzjoni ta' infertilità temporanja fi krieb u nimsa rġiel f'saħħithom, sħaħ, u sesswalment maturi.

### **3.3 Kontraindikazzjonijiet**

Xejn.

### **3.4 Twissijiet speċjali**

#### Krieb

L-infertilità tinkiseb minn 8 ġimħat sa tal-anqas 12-il xahar wara t-trattament inizjali. Għalhekk, krieb ittrattati għandhom xorta jinżammu 'l bogħod minn krieb nisa sħan matul l-ewwel 8 ġimħat wara t-trattament inizjali.

Fi 2 minn 30 kelb fil-provi kliniċi l-infertilità ma seħħitx sa bejn wieħed u ieħor 12-il ġimħa wara t-trattament inizjali, iżda f'ħafna każijiet dawn l-annimali mhumiex kapaċi li jsiru missierijiet ta' ġriewi. Jekk kelb jitgħammar ma' kelba bejn it-8 u t-12-il ġimħa wara t-trattament, għandhom jittieħdu miżuri adattati biex jiġi eliminat ir-riskju ta' tqala.

B'mod mhux komuni, ġie rrappurtat nuqqas ta' effikaċċja mistennija fil-krieb (fil-maġġoranza tal-każijiet ġie rrapportat nuqqas fid-daqs tat-testikoli u/jew kelba ġiet mgħammra). Il-livelli ta' testosterone biss (jiġifieri markatur sostitut stabbilit ta' fertilità) setgħu jikkonfermaw b'mod definitiv nuqqas ta' effikaċċja tat-trattament. Jekk hemm suspecti ta' nuqqas ta' effikaċċja tat-trattament, għandu jiġi verifikat l-impjant tal-kelb (eż. preżenza).

Kull tgħammir li jseħħ aktar minn 12-il xahar xur wara t-tqegħid tal-prodott mediċinali veterinarju jista' jirriżulta fi tqala. Madankollu, mhuwiex neċċesarju li żżomm klieb nisa 'l bogħod minn klieb ittrattati wara impjantazzjonijiet sussegwenti għall-ewwel perjodu ta' 8 ġimġhat, kemm-il darba dan il-prodott mediċinali veterinarju jingħata kull 12-il xahar.

F'ċerti każijiet, l-impjant jista' jintilef minn kelb ittrattat. Jekk it-telf tal-impjant huwa ssuspettaw f'konnessjoni mal-ewwel impjantazzjoni, dan jista' jkun ikkonfermat billa ma tosserva l-ebda tnaqqis fiċ-ċirkonferenza skrotali jew livelli fit-testosteron tal-plażma wara 8 ġimġhat mid-data tat-telf suspettaw, peress illi t-tnejn għandhom jonqsu taħt impjantazzjoni korretta. Jekk telf tal-impjantazzjoni huwa ssuspettaw wara l-impjantazzjoni mill-ġdid wara 12-il xahar, tidher żieda progressiva fiċ-ċirkorferenza skrotali u/jew il-livelli fit-testosteron tal-plażma. Fiż-żewġ ċirkostanzi impjant mill-ġdid għandu jiġi amministrat.

Wara l-għoti tal-prodott, il-ħila ta' klieb li jsiru missirijiet ta' ġriewi wara li l-livelli ta' testosteron fil-plażma jiġu lura għan-normal tal-prodott veterinarju, ma ġietx investigata.

Fir-rigward ta' livelli ta' testosteron (marka stabbilita sostituta għal kejl tal-fertilità), waqt provi kliniċi, 68 % tal-klieb amministrati b'impjant wieħed, reġgħu saru fertili fi żmien sentejn mill-impjantazzjoni. 95 % tal-klieb irritornaw għall-livelli normali ta' testosteron fil-plażma fi żmien sentejn u nofs mill-impjantazzjoni. Madankollu, tagħrif li juri r-riversibilità kompluta tal-effetti kliniċi (tnaqqis fid-daqs testikolari, tnaqqis fil-volum tal-eġakulazzjoni, tnaqqis fil-ġħadd tal-isperma u tnaqqis fil-libido) li jinkludi l-fertilità wara 12-il xahar, jew impjantazzjoni repetuta, huma limitati. F'każijiet rari ħafna l-infertilità temporanja tista' ddum aktar minn 18-il xahar.

Minħabba data limitata, l-użu tas-Suprelorin fil-klieb li huma anqas minn 10 kg jew iż-żejjed minn 40 kg ta' toqol tal-ġisem għandhom ikunu suġġetti għal valutazzjoni ta' riskju/benefiċju minn veterinarju. Waqt il-provi kliniċi b'Suprelorin 4.7 mg, iż-żmien medju tas-suppressjoni tat-testosteron kien ta' 1.5 darbiet itwal fi klieb żgħar (< 10 kg) imqabblin mal-klieb akbar kollha.

Kastrazzjoni kirurġika jew medika jista' jkollha konsegwenzi mhux mistennija (titjib jew aggravar) fuq l-aggressività. Għalhekk, annimali b'disturbi soċċjopatiċi u li juru episodji ta' aggressjonijiet intra-spécifiċi (kelb ma' kelb) u/jew inter-spécifiċi (kelb ma' speċi oħra) ma għandhomx jiġu kkastrati, la kirurġikament u lanqas bl-impjant.

### Nimsa

L-infertilità (soppressjoni tal-ispermatoġenesi, tnaqqis fid-daqs tat-testikoli, livelli tat-testosteron inqas minn 0.1 ng/ml, u tnaqqis tar-riħa ta' misk) tinkiseb minn 5 ġimġhat sa tal-anqas 14-il ġimġha wara t-trattament inizjali skont kundizzjonijiet tal-laboratorju. Għalhekk, nimsa ttrattati għandhom xorta jinżammu 'l bogħod minn nimsa nisa sħan matul l-ewwel ħames ġimġhat wara t-trattament inizjali. Il-livelli tat-testosteron jibqgħu taħt 0.1 ng/ml għal mill-inqas 16-il xahar. Mhux il-parametri kollha tal-attività sesswali ġew ittestjati spesifikament (seboreja, immarkar bl-urina, u aggressività). Kull tgħammir li jseħħ aktar minn 16-il xahar wara l-amministrazzjoni tal-prodott jista' jirriżulta fi tqala.

Il-bżonn ta' impjantazzjonijiet sussegwenti għandu jkun ibbażat fuq iż-żieda fid-daqs tat-testikoli u/jew żieda fil-konċentrazzjonijiet tat-testosteron fil-plażma u r-ritorn tal-attività sesswali.

Ir-riversabbiltà tal-effetti u l-ħila ta' nimsa rġiel ittrattati li jipproduċu frieħ sussegwentement ma ġewx investigati. Għalhekk, l-użu ta' Suprelorin għandu jkun suġġett għal valutazzjoni tal-benefiċċċi /riskji li għandu jagħmel veterinarju responsabbi.

F'ċerti każijiet, l-impjant jista' jintilef minn nemes li jkun ġiet ttrattat. Jekk it-telf tal-ewwel impjant huwa ssuspettaw, dan jista' jiġi kkonfermat billi wieħed josserva li ma jkunx hemm tnaqqis fid-daqs tat-testikoli jew fil-livelli tat-testosteron fil-plażma billi t-tnejn għandhom jonqsu b'impjantazzjoni korretta. Jekk hemm is-suspett ta' telf l-impjant wara r-riimpjantazzjoni, ikun hemm żidieda progressiva fid-daqs tat-testikoli u/jew fil-livelli ta' testosteron fil-plażma. F'dawn iż-żewġ każijiet, għandu jitqiegħed impjant ġdid.

### **3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu**

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

#### Klieb

L-użu ta' Suprelorin fi klieb qabel il-pubertà ma ġiex mistħarreġ. Għalhekk huwa rrakkomandat li l-klieb jitħallew jilħqu l-pubertà qabel ma jinbeda t-trattament bil-prodott.

It-tagħrif juri li trattament bil-prodott mediċinali veterinarju jnaqqas il-libido tal-kelb.

#### Nimsa

Ma ġiex investigat l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju f'nimsa ta' qabel il-pubertà. Għalhekk huwa rrakkomandat li nimsa għandhom jitħallew jilħqu l-pubertà qabel ma jinbeda t-trattament bil-prodott mediċinali veterinarju.

It-trattament f'nimsa għandu jibda fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir.

In-nimsa rġiel ittrattati jistgħu jibqgħu infertili sa erba' snin. Għaldaqstant, dan il-prodott mediċinali veterinarju għandu jintuża bi prudenza f'nimsa rġiel intiżi għal reproduzzjoni fil-futur.

Ma ġietx investigata s-sigurtà wara impjantazzjonijiet ripetuti b'Suprelorin f'nimsa.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali:

Nisa tqal m'għandhomx jamministrax il-prodott mediċinali veterinarju. Analogu ieħor ta' GnRH ieħor għie muri li huwa fetotossiku f'annimali fil-laboratorju. Ma sarux studji spċifici biex jevalvaw l-effett ta' deslorelin meta jkun amministrat waqt it-tqala.

Għalkemm kuntatt mal-ġilda bil-prodott mediċinali veterinarju mhuwiex probabbli, jekk dan iseħħi, aħsel fil-pront il-parti esposta, għaliex analogi ta' GnRH jistgħu jiġi assorbiti mill-ġilda.

Meta tkun qiegħed tamministra l-prodott mediċinali veterinarju, oqgħod attent li tevita li tinjetta lilek innifsek aċċidentalment billi tiżgura li l-annimali jkunu mrażżna kif jixraq u li l-labru li biha jingħata tkun imħarsa sal-mument tal-impjatazzjoni.

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentalni, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett tat-tagħrif jew it-tiketta lit-tabib, bil-għan li jitneħħielek l-impjant.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mhux applikabbli.

### **3.6 Effetti mhux mixtieqa**

#### Klieb:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimali ittrattati):	Nefħa fis-sit tal-impjant <sup>1</sup>
Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali ittrattati):	Bidla fil-pil (Telf tal-pil, Alopeċja, Modifika tal-pil) Inkontinenza tal-urina Tnaqqis fid-daqs tat-testikoli

	Attività mnaqqsas, Żieda fil-piż
Rari īħafna (< 1 annimal / 10,000 annimal ittrattati, inkluż rapporti iżolati):	Tlugħ tat-testikoli <sup>2</sup> , Żieda fid-daqs tat-testikoli <sup>3</sup> , Uġiġħ testikolari <sup>3</sup> Interess sesswali miżjud <sup>3</sup> , Aggressjoni <sup>4</sup> Aċċessjonijiet epilettiċi <sup>5</sup>

<sup>1</sup>Moderata, għal 14-il ġurnata

<sup>2</sup>Miċ-ċirku ingwinali

<sup>3</sup>Immedjatament wara l-impjantazzjoni, temporanju, jgħaddi mingħajr trattament

<sup>4</sup>Temporanju

<sup>5</sup>Bħala medja 40 ġurnata wara l-impjantazzjoni, iż-żmien medjan sal-bidu tas-sinjal kien ta' 14-il ġurnata wara l-impjantazzjoni, l-aktar kmieni fl-istess jum tal-impjantazzjoni, u l-aktar tard 36 ġimgħa wara l-impjantazzjoni

#### Nimsa:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati):	Nefħa fis-sit tal-impjant <sup>1</sup> , Ħakk fis-sit tal-impjant <sup>1</sup> , Eritema fis-sit tal-impjant <sup>1</sup>
---	--

<sup>1</sup>Temporanja, moderata

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilm permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqiegħid fis-suq jew ir-rappreżentant lokali tiegħi jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara l-fuljett ta' tagħrif għad-dettalji ta' kuntatt rispettivi.

### 3.7 Użu fit-tqala, fit-treddiġ u fi żmien il-bidien

Mhux applikabbli.

### 3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

Xejn li hu magħruf.

### 3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ

#### Klieb:

Għal użu taħt il-ġilda.

Id-doża rakkodata hija impjant wieħed għal kull kelb, irrisspettivament mid-daqs tal-kelb (ara wkoll punt 3.4). Is-sit tal-impjantazzjoni għandu jiġi diżinfettat qabel l-impjantazzjoni biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' infekzjoni. Jekk is-suf ikun twil għandha tiġi mqaxxra parti żgħira mill-ġilda, jekk meħtieġ.

Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jiġi impjantat taħt il-ġilda, fil-ġilda mlaħalħa ta' fuq id-dahar bejn il-parti t'isfel tal-għonq u l-parti tal-ġenbejn. Evita l-injejjzjoni tal-impjant ġoxx-xaħam, peress li l-ħelsien tas-sustanza attiva jista' jkun imxekkel f'partijiet b'vaskularizzazzjoni baxxa.

1. Neħħi t-tapp Luer Lock minn mal-impjantatur.
2. Waħħal l-attwatur mal-impjantatur permezz tal-konnessjoni Luer Lock.
3. Għolli l-ġilda bejn l-għadam tal-isparallel. Daħħal it-tul kollu tal-labra taħt il-ġilda.

4. Niżżej kompletament il-plunger u, fl-istess ħin iġbed lura l-labra bil-mod.

5. Agħfas il-ġilda fis-sit fejn ingħatat l-injezzjoni waqt li tkun qiegħed tneħħi l-labra, u żomm magħfus għal 30 sekonda.

6. Eżamina s-siringa u l-labra biex tassigura li l-impjant ma baqax fis-siringa jew fil-labra, u li l-ispażjatur jidher. Jista' jkun possibbli li tħoss l-impjant *in situ*.

Irrepeti l-għoti kull 12-il xahar sabiex tibqa tinżamm l-effikaċja.

#### Nimsa:

Għal użu taħt il-ġilda.

Id-doża rakkomandata hija impjant wieħed għal kull nemes, irrispettivament mid-daqs tan-nemes. Is-sit tal-impjantazzjoni għandu jiġi diżinfettat qabel l-impjantazzjoni biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' infel-ġġoni. Jekk is-suf ikun twil għandha tiġi mqaxxra parti żgħira mill-ġilda, jekk meħtieġ.

Huwa rrakkomandat li l-prodott jiġi amministrat taħt anestesija ġenerali fin-nimsa.

Il-prodott għandu jiġi impjantat taħt il-ġilda, fil-ġilda mlaħalħa ta' fuq id-dahar fl-ispazju intraskapulari. Evita l-injezzjoni tal-impjant ġox-xaħam, peress li l-ħelsien tas-sustanza attiva jista' jkun imxekkel f-partijiet b'vaskularizzazzjoni baxxa.

1. Neħħi t-tapp Luer Lock minn mal-impjantatur.

2. Waħħal l-attwatur mal-impjantatur permezz tal-konnessjoni Luer Lock.

3. Għolli l-ġilda bejn l-ġħadam tal-ispallel. Daħħal it-tul kollu tal-labra taħt il-ġilda.


4. Niżżej kompletament il-plunger u, fl-istess ħin iġbed lura l-labra bil-mod.

5. Agħfas il-ġilda fis-sit fejn ingħatat l-injezzjoni waqt li tkun qiegħed tneħħi l-labra, u żomm magħfus għal 30 sekonda.

6. Eżamina s-siringa u l-labra biex tassigura li l-impjant ma baqax fis-siringa jew fil-labra, u li l-ispażjatur jidher. Jista' jkun possibbli li tħoss l-impjant *in situ*. Hija rrakkomandata kolla tat-tessut biex jingħalaq is-sit ta' amministrazzjoni, jekk ikun meħtieġ.

Il-bżonn ta' impjantazzjonijiet sussegamenti għandu jkun ibbażat fuq iż-żieda fid-daqi tat-testikoli u/jew żieda fil-konċentrazzjonijiet tat-testosteron fil-plażma u r-ritorn tal-attività sesswali. Ara wkoll il-punt 3.4.

Impjant mgħobbi minn qabel



#### Klieb u nimsa:

Tużax il-prodott mediċinali veterinarju jekk il-pouch tal-folja jkun imqatta'.

L-impjant huwa bijokompatibbli u mhux meħtieġ li jitneħħha. Madankollu, jekk ikun meħtieġ li jitwaqqaf it-trattament, l-impjanti jistgħu jitneħħew kiruġikament minn veterinarju. L-impjanti jistgħu jiġi lokalizzati permezz ta' mewġ ultrasoniku.

### **3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbi, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)**

#### Nimsa:

Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar nimsa.

#### Klieb:

L-ebda reazzjonijiet kliniċi avversi minbarra dawk li ġew deskritti f'sezzjoni 3.6 ma ġew osservati wara t-tqegħid sa 6 darbiet id-doża rakkomandata. Istoloġikament, reazzjonijiet lokali ħief b'infjammazzjoni kronika tat-tessut konnettiv u xi formazzjoni kapsula u depożizzjoni kollaġen ġew osservati fi żmien 3 xhur wara l-amministrazzjoni wara t-tqegħid taħt il-ġilda sa 6 darbiet id-doża rakkomandata.

### **3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediciinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza**

Mhux applikabbi.

### **3.12 Perjodi ta' tiżmim**

Mhux applikabbi.

## **4. INFORMAZZJONI FARMAKOLOĠIKA**

### **4.1 Kodiċi ATC-veterinarja: QH01CA93.**

### **4.2 Kwalitajiet farmakodinamiċi**

L-agonista ta' GnRH, deslorelin, jaħdem billi jrażżan il-funzjoni tal-assi pitwitarju-gonadali meta jkun applikat f'doża baxxa kontinwa. Dan it-trażżeen jirriżulta fil-falliment tal-annuali trattati li jissintesizzaw u/jew jerħu follicle stimulating hormone (FSH) u luteinising hormone (LH), l-ormoni li huma responsabbi għaż-żamma tal-fertilità.

Id-doża baxxa u kontinwa ta' deslorelin tnaqqas il-funzjonalità tal-organi riproduttivi tar-raġel, il-libido u l-ispermatoġenesi u tnaqqas il-livell ta' testosterone fil-plażma, minn 4-6 ġimġħat wara l-impjantazzjoni. Żieda ta' testosterone fil-plażma għal żmien qasir u li jgħaddi, tista' tiġi murija immedjatamente wara l-impjantazzjoni. Kejl ta' konċentrazzjonijet ta' testosterone fil-plażma wera l-effett farmakoloġiku persistenti tal-preżenza kontinwa ta' deslorelin fiċ-ċirkulazzjoni għal tal-anqas 12-il xahar wara t-tqegħid tal-prodott.

### **4.3 Kwalitajiet farmakokinetiċi**

Intwera li fil-klieb il-livelli ta' deslorelin fil-plażma li jilħqu l-quċċata minn 7 sa 35 jum, wara t-tqegħid ta' impjant li jkun fi 5 mg deslorelin radjutikkettat. Is-sustanza tista' tiġi mkejla direttament fil-plażma għal madwar xahrejn u nofs wara l-impjantazzjoni. Il-metaboliżmu ta' deslorelin huwa rapidu.

## **5. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **5.1 Inkompattibbiltajiet magħġuri**

Xejn li hu magħruf.

## **5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

Żmien kemm idum tajjeb l-prodott mediċinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: 3 snin.

## **5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen**

Aħżen fil-friġġ (2 °C – 8 °C).

Tagħmlux fil-friża.

## **5.4 In-natura u l-ħamla tal-ippakkjjar li jmiss mal-prodott**

L-impjant jiġi fornut fi strument apposta sabiex jitqiegħed l-impjant, ikkargat bil-lest. Kull tali strument huwa ppakkjat f'pawċ issiġillat tal-fojl, li sussegwentement jiġi sterilizzat.

Kaxxa tal-kartuna li fiha żewġ jew ħames strumenti biex jitwaħħal l-impjant, imgewżra individwalment fil-fojl u li ġew sterilizzati, flimkien ma' strument mhux sterilizzat sabiex jitpoġġa l-impjant (**attwatur**). Dan l-istrument jiġi mwaħħal mal-istrument li fih hemm l-impjant permezz ta' konnessjoni Luer Lock.

Mhux id-daqqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

## **5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti**

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi għall-prodott mediċinali veterinarju kkonċernat.

L-attwatur jista' jerġa jintuża.

## **6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

VIRBAC

## **7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/07/072/003

EU/2/07/072/004

## **8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 10/07/2007

## **9. DATA TAL-AĦĦAR REVĪŽJONI TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

## **10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDIĊINALI VETERINARJI**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid-‘*database*’ tal-Prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

**ANNESS II**

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID  
FIS-SUQ**

Xejn

**ANNESS III**  
**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF**

## **A. TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KAXXA TAL-KARTUNA**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Suprelorin 4.7 mg impjant

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA**

Deslorelin (bħala deslorelin acetate) 4.7 mg

**3. DAQS TAL-PAKKETT**

2 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

5 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

**4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Klieb, qtates (irġiel)

**5. INDIKAZZJONIJIET**

**6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Għal użu taħbi il-ġilda.

**7. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

**8. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ss}

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżeen fil-friġġ.

Tagħmlux fil-friżza.

**10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGĦRIF QABEL L-UŻU”**

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

**11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”**

Għall-kura tal-annimali biss.

**12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

VIRBAC

**14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/07/072/001  
EU/2/07/072/002

**15. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI  
JMISS MAL-PRODOTT**

**POUCH TAL-FOJL**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Suprelorin

**2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI**

4.7 mg

**3. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**4. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ss}

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KAXXA TAL-KARTUNA**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Suprelorin 9.4 mg impjant

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA**

Deslorelin (bħala deslorelin acetate) 9.4 mg

**3. DAQS TAL-PAKKETT**

2 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

5 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

**4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Klieb (irġiel) u nimsa (rġiel)

**5. INDIKAZZJONIJIET**

**6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI**

Għal użu taħbi il-ġilda.

**7. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

**8. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ss}

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEċJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżeen fil-friġġ.

Tagħmlux fil-friżza.

**10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGĦRIF QABEL L-UŻU”**

Aqra l-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

**11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANNIMALI BISS”**

Għall-kura tal-annimali biss.

**12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

VIRBAC

**14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/2/07/072/003

EU/2/07/072/004

**15. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI  
JMISS MAL-PRODOTT**

**POUCH TAL-FOJL**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Suprelorin

**2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI**

9.4 mg

**3. NUMRU TAL-LOTT**

Lot {numru}

**4. DATA TA' SKADENZA**

Exp. {xx/ss}

## **B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

## FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL

### 1. L-isem tal-prodott mediċinali veterinarju

Suprelorin 4.7 mg impjant għall-krieb u l-qtates

### 2. Kompożizzjoni

Sustanza attiva:

Deslorelin (bħala deslorelin acetate) 4.7 mg

Impjant ċilindriku abjad li jagħti fl-isfar ċar.

### 3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

Krieb u qtates (irġiel)

### 4. Indikazzjonijiet għall-użu

Kelb raġel:

Għall-induzzjoni ta' infertilità temporanja f' krieb irġiel f'saħħithom, intatti, u sesswalment maturi.

Kelba qabel il-pubertà:

Għall-induzzjoni ta' infertilità temporanja biex tittardja l-ewwel sinjali tal-estrus u tas-sħana, u biex tiġi evitata t-tqala f'et-ṭażżeek. Għall-impjant għandu jitqiegħed bejn l-et-ṭażżeek ta' 12 u 16-il ġimgħa.

Qattus raġel:

Għall-induzzjoni tal-infertilità temporanja u t-trażżeen tar-riħha tal-awrina u tal-imġiba sesswali bħal-libido, il-vokalizzazzjoni, l-immarkar bl-awrina, u l-aggressività f'qtates irġiel intatti minn 3 xhur.

### 5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

### 6. Twissijiet speċjali

Twissijiet speċjali:

L-ispeċi kollha fil-mira

F'ċerti każijiet, l-impjant jista' jintilef minn annimal ittrattat. Jekk ikun hemm suspect ta' nuqqas ta' effikaċċja mistennija, allura l-preżenza taħbi il-għandha tigħiġi ċeċekkjata.

Kelb raġel

L-infertilità tinkiseb minn 6 ġimgħat sa tal-anqas 6 xhur wara t-trattament inizjali. Għalhekk, krieb ittrattati għandhom xorta jinżammu 'l bogħod minn krieb nisa sħan matul l-ewwel 6 ġimgħat wara t-trattament inizjali.

Wieħed minn 75 kelb ittrattati b'dan il-prodott mediċinali veterinarju waqt il-provi kliniċi tgħammar u ntrabat ma' kelba šħuna fi żmien sitt xħur tal-impjantazzjoni, iżda dan ma rriżultax fi tqala. Jekk kelb jitgħammar ma' kelba bejn 6 ġimġħat u 6 xħur wara t-trattament, għandhom jittieħdu miżuri adattati biex jiġi eliminat ir-riskju ta' tqala.

F'każijiet rari ( $> 0.01\%$  sa  $< 0.1\%$ ), ġie rrapporat suspect ta' nuqqas ta' effikaċja mistennija (fil-maġġoranza tal-każijiet ġie rrapporat nuqqas ta' tnaqqis tad-daqs tat-testikoli u/jew kelba ġiet mgħammra. Il-livelli ta' testosteron biss (jiġifieri markatur sostitut stabbilit ta' fertilità) setgħu jikkonfermaw b'mod definitiv nuqqas ta' effikaċja tat-trattament.

Kull tgħammir li jseħħ aktar minn 6 xħur wara t-tqegħid tal-prodott mediċinali veterinarju jista' jirriżulta fi tqala. Madankollu, mhuwiex neċċessarju li żżomm klieb nisa 'l bogħod minn klieb ittrattati wara impjantazzjonijiet sussegwenti, kemm-il darba dan il-prodott mediċinali veterinarju jingħata kull 6 xħur.

Jekk hemm suspect ta' telf tal-ewwel impjant, dan jista' jiġi kkonfermat billi ma jiġi osservat ebda tnaqqis fiċ-ċirkonferenza tal-iskrotu jew fil-livelli ta' testosteron plasma wara 6 ġimġħat mid-data tas-suspett ta' telf, minħabba li t-tnejn li huma għandhom jonqsu wara li l-impjant isir kif suppost. Jekk ikun hemm suspect ta' telf tal-impjant wara li jkun ġie impjantat mill-ġdid wara 6 xħur, f'dak il-każ tiġi osservata żieda progressiva fiċ-ċirkonferenza tal-iskrotu u/jew fil-livelli ta' testosteron plasma. F'dawn iż-żewġ ċirkustanzi, għandu jiġi amministrat impjant ta' sostituzzjoni.

Il-ħila ta' klieb li jsiru missirijiet ta' gr̊iewi wara li l-livelli ta' testosteron fil-plażma jiġu lura għan-normal, wara l-għoti tal-prodott mediċinali veterinarju, ma għietx investigata.

Fir-rigward ta' livelli ta' testosteron (marka stabbilita sostituta għal kejl tal-fertilità), waqt provi kliniċi aktar minn 80 % ta' klieb li tqiegħidilhom impjant wieħed jew aktar, irritornaw għal-livelli normali ta' testosteron fil-plażma ( $\geq 0.4$  ng/ml) fi żmien 12-il xħar mill-impjantazzjoni. Tmienja u disgħin fil-mija tal-klieb irritornaw għal-livelli normali ta' testosteron fil-plażma fi żmien 18-il xħar mill-impjantazzjoni. Madankollu, tagħrif li juri r-riversibilità kompluta tal-effetti kliniċi (tnaqqis fid-daqs testikolari, tnaqqis fil-volum tas-semen, tnaqqis fl-ġħadd tal-isperma u tnaqqis fil-libido) li jinkludi l-fertilità wara 6 xħur, jew impjantazzjoni ripetuta, huwa ristrett. F'każijiet rari ħafna ( $< 0.01\%$ ) l-infertilità temporanja tista' ddum aktar minn 18-il xħar.

Waqt provi kliniċi, il-parti l-kbira tal-klieb ta' statura iż-ġħar ( $< 10$  kg) żammew livelli ta' testosteron imrażżna għal aktar minn 12-il xħar wara l-impjantazzjoni. Għal klieb kbar ħafna ( $> 40$  kg) it-tagħrif huwa ristrett iż-żda t-tul ta' żmien ta' trażżeen ta' testosteron kien komparabbli ma' dak li jidher fi klieb ta' daqs medju u kbir. Għaldaqstant, l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fi klieb ta' piżi tal-ġisem ta' anqas minn 10 kg jew aktar minn 40 kg, għandu jkun suġġett għal stima ta' riskju/benefiċċju magħmula minn veterinarju.

Kastrazzjoni kirurġika jew medika jista' jkollha konsegwenzi mhux mistennija (titjib jew aggravar) fuq l-aggressività. Għalhekk, klieb b'disturbi soċjpatici u li juru episodji ta' aggressjonijiet intraspeċifiċi (kelb ma' kelb) u/jew interspecifiċi (kelb ma' speċi oħra) ma għandhomx jiġu kkastrati, la kirurġikament u lanqas bl-impjant.

### Kelba qabel il-pubertà

Matul il-provi kliniċi, l-ewwel estru jseħħi minn 6 sa 24 xħar wara l-għoti tal-prodott fi 98.2 % tal-animali; għal waħda minn 56 kelba (1.8 %) is-sopprezzjoni tal-estrū damet 5 xħur. Speċifikament, 44.6 % tal-klieb nisa wrew l-ewwel estru tagħhom bejn 6 u 12-il xħar wara l-impjantazzjoni, 53.6 % bejn 12 u 24 xħar wara l-impjantazzjoni.

Il-prodott mediċinali veterinarju għandu jingħata biss lil kelba ta' qabel il-pubertà ta' bejn 12-16 il-ġimġha, li ma turi l-ebda sinjal ta' estru. Kejl tal-livelli ormonali u smears vaġinali jistgħu jintużaw biex jikkonfermaw in-nuqqas ta' estru.

## Qattus raġel

Fil-qtates irġiel maturi, l-induzzjoni tal-infertilità u t-trażżeen tar-riħa tal-awrina u l-imġiba sesswali jinkisbu minn madwar 6 ġimġħat sa 12-il xahar wara l-impjantazzjoni. Jekk qattus raġel imiss ma' regina qabel 6 ġimġħat jew wara 12-il xahar minn meta jiġi impjantat, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi esku luż ir-riskju ta' tqala.

Meta ġie impjantat fi qtates irġiel ta' 3 xhur, is-soppressjoni tal-fertilità damet mill-inqas 12-il xahar f' 100 % tal-qtates u għal aktar minn 16-il xahar f' 20 % tal-qtates.

Għall-biċċa l-kbira tal-qtates, fi żmien ġimġħtejn wara l-impjantazzjoni, il-livelli ta' testosterone jonqsu, segwit minn volum testikolari mnaqqas u daqs imnaqqas tas-sinsla tal-pene minn ġimġħat 4-8 wara l-impjantazzjoni. L-imġiba sesswali tibda tonqos fi żmien ġimġha wara t-trattament, u tibda b'vokalizzazzjoni mnaqqsa, segwita minn tnaqqis fil-libido, ir-riħa tal-awrina, l-immarkar bl-awrina, u l-aggressività minn 4 ġimġħat wara l-impjantazzjoni. Xi mgħiba sesswali, eż. l-immuntar u l-għidha t-tibda tħalli, jidher kollha minn tgħidha. Il-effetti kliniċi fuq ir-riħa tal-awrina, l-immarkar bl-awrina, il-volum testikolari, id-daqs tas-sinsla tal-pene, u l-imġiba sesswali jibdew jonqsu wara madwar 12-il xahar wara l-impjantazzjoni. Il-kors ta' żmien u t-tul tas-sottoregolazzjoni osservati wara t-trattament huwa varjabbi, bi 28 xahar li huwa t-tul massimu osservat biex jerġa' lura għall-fertilità normali wara l-impjantazzjoni.

Fi studju fuq il-post, 22 qattus raġel ingħataw it-tieni impjant 12-il xahar wara l-ewwel wieħed li estenda t-tul tal-funzjoni riproduttiva u l-imġiba sesswali mrażżna għal sena oħra.

F'1-3 % tal-qtates irġiel, ġie rrapporat nuqqas ta' effikaċċja mistennija abbażi ta' espressjoni kontinwa ta' mgħiba sesswali, tgħammir li jirriżulta fi tqala, u/jew nuqqas ta' soppressjoni tal-livelli ta' testosterone fil-plażma (markatur surrogat stabbilit tal-fertilità). Fil-każ ta' dubju, sid l-annimal għandu jikkunsidra li jżomm il-qattus ittrattat separat mill-irġejjen fejn it-tqala ma tkunx mixtieqa.

## Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi għal xiex huwa indikat:

### Kelb raġel

L-użu tal-prodott mediċinali veterinarju fi klieb irġiel qabel il-pubertà ma ġiex mistħarreġ. Għalhekk huwa rakkomandat li l-klieb irġiel jitħallew jilħqu l-pubertà qabel ma jinbeda trattament bil-prodott mediċinali veterinarju.

It-tagħrif juri li trattament bil-prodott mediċinali veterinarju jnaqqas il-libido tal-kelb.

### Kelba qabel il-pubertà

Fi studju, mill-34 kelba li ġew impjantati bejn 16 u 18-il ġimġħa, annimal wieħed impjantat f'et-ta' 16 sa 17-il ġimġħa u żewġ annimali impjantati f'et-ta' 17 sa 18-il ġimġħa wrew estru indott mill-impjant.

Trattament ripetut bil-prodott mediċinali veterinarju ma ġiex investigat fil-klieb nisa u, għalhekk, muwiex rakkomanda.

Wara li ntlaħqet il-maturità sesswali wara tmiem tal-effett ta' impjant wieħed, inġabret informazzjoni dwar iċ-ċikli tas-sħana u l-abbiltà tal-klieb nisa li jipproċċu boton: ma ġie nnotat l-ebda tħassib dwar is-sikurezza riproduttiva. Fi stħarriġ ta' segwitu tlestell sitt tqaliet f'ħames klieb nisa b'wieħed sa disa' ġriewi ħajjin. Minħabba l-ammont limitat ta' tagħrif, l-użu fil-klieb nisa qabel il-pubertà maħsuba għat-tgħammir għandu jsir skont valutazzjoni tal-benefiċċju/riskju mill-veterinarju responsabbli.

L-użu fil-klieb nisa maturi sesswalment biex jissopprimi l-funzjoni riproduttiva u ċ-ċiklu tal-estrū mhux rakkomandat, minħabba r-riskju li jindu ħi estru, li jista' jikkawża patoloġija tal-utru u tal-oħra (metropatija, ċisti) u tqala mhux mixtieqa.

## Qattus raġel

M'hemm l-ebda *data* disponibbli fi qtates b'testikoli mhux imniżżla mal-impjantazzjoni. Huwa rakkomandat li tistenna sakemm it-testikoli jkunu niżlu qabel ma tamministra l-prodott. Hemm *data* limitata disponibbli dwar ir-ritorn għall-fertilità normali wara amministrazzjonijiet ripetuti tal-prodott mediċinali veterinarju.

Il-kapaċitā tal-qtates li jgħibu frieħ wara li jerġgħu lura għal-livelli normali ta' testosterone fil-plażma, wara l-amministrazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju, ma għixx murija bis-sħiħ, speċjalment fi qtates qabel il-pubertà. Deċiżjoni li jintuża l-prodott mediċinali veterinarju fi qtates irġiel li huma maħsuba biex jintużaw għat-tgħammir wara għalhekk teħtieġ li ssir fuq bażi ta' każ b'każ.

#### Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali:

Nisa tqal m'għandhomx jamministrax il-prodott mediċinali veterinarju. Analogu ieħor ta' GnRH ġie muri li huwa fetotossiku f'annimali fil-laboratorju. Ma sarux studji speċifiċi biex jevalvaw l-effett ta' deslorelin meta jkun amministrat waqt it-tqala.

Għalkemm kuntatt mal-ġilda bil-prodott mhuwiex probabbli, jekk dan iseħħ, aħsel fil-pront il-parti esposta, għaliex analogi ta' GnRH jistgħu jiġu assorbiti mill-ġilda.

Meta tkun qiegħed tamministra l-prodott mediċinali veterinarju, oqgħod attent li tevita li tinjetta lilek innifsek aċċidentalment billi tiżgura li l-annimali jkunu mrażżna kif jixraq u li l-labru ta' biha jingħata tkun imħarsa sal-mument tal-impjatazzjoni.

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentalni, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett tat-tagħrif jew it-tiketta lit-tabib, bil-għan li jitneħħielek l-impjant.

#### Tqala u treddiġħ:

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma għixx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddiġħ.

#### Doża eċċessiva:

##### Kelb:

L-ebda reazzjonijiet kliniċi avversi għajr dawk deskritti fis-sezzjoni "Effetti mhux mixtieqa" jew boċċa ħdejn is-sit tal-injezzjoni ma ġew osservati wara l-għoti simultanju taħt il-ġilda sa 10 darbiet id-doża rakkodata u sa 15-il impjant fuq sena, jiġifieri amministrazzjoni simultanja ta' 5 impjanti kull 6 xhur għal 3 korsijiet konsekuttivi, jew amministrazzjoni simultanja ta' 3 impjanti kull 3 xhur għal 5 korsijiet konsekuttivi. Ġew osservati aċċessjonijiet f'kelb raġel wieħed u kelba waħda b'5 darbiet id-doża rakkodata. L-aċċessjonijiet ġew ikkontrollati permezz ta' kura sintomatika. Istoloġikament, reazzjonijiet lokali ħief b'infjammazzjoni kronika tat-tessut konnettiv u xi formazzjoni kapsula u deposizzjoni kollaġen ġew osservati fi żmien 3 xhur wara l-amministrazzjoni wara l-għoti taħt il-ġilda sa 10 darbiet id-doża rakkodata.

##### Qattus:

Fi studju tal-laboratorju, fejn qtates irġiel irċevew impjant wieħed jew tlieta 3 darbiet b'intervalli ta' 6 xhur, 3 minn 8 żviluppaw nefħa severa ( $> 4 \text{ cm}$ ) fis-sit tal-injezzjoni interskapulari li damet mill-inqas 4 ġimħaq wara t-tieni u/jew it-tielet impjantazzjoni.

Każiżjiet ta' infertilità ġew irrapportati wara esponiment għal doża eċċessiva off-label fi qtates tat-tweliż kif ukoll f'qattus matur wieħed.

## 7. Effetti mhux mixtieqa

Klieb (irġiel u nisa):

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati):
Nefħa fis-sit tal-impjant, Formazzjoni ta' skorċa fis-sit tal-impjant <sup>1</sup> Dermatite <sup>2</sup>
Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimal ittrattati):
Bidla fil-pil (Telf tal-pil, Alopeċja, Modifika tal-pil) Inkontinenza tal-urina Tnaqqis fid-daqs tat-testikoli Attività mnaqqsa, Żieda fil-piż
Rari ħafna (< 1 annimal / 10,000 annimal ittrattati, inkluż rapporti iżolati):
Tlugħ tat-testikoli <sup>3</sup> , Żieda fid-daqs tat-testikoli <sup>4</sup> , Uġiġħ testikolari <sup>4</sup> Interess sesswali miżjud <sup>5</sup> , Aggressjoni <sup>5</sup> Aċċessjonijiet epilettiċi <sup>6</sup>
Frekwenza mhux determinata (Ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli):
Dewmien fl-ġħeluq tal-plates tat-tkabbir <sup>7</sup>

<sup>1</sup>Moderata, għal 14-il ġurnata

<sup>2</sup>Lokali, iddum sa 6 xhur

<sup>3</sup>Miċ-ċirku ingwinali

<sup>4</sup>Immedjatament wara l-impjantazzjoni, temporanju, jgħaddi mingħajr trattament

<sup>5</sup>Temporanju

<sup>6</sup>Bħala medja 40 ġurnata wara l-impjantazzjoni, iż-żmien medjan sal-bidu tas-sinjal kien ta' 14-il ġurnata wara l-impjantazzjoni, l-aktar kmieni fl-istess jum tal-impjantazzjoni, u l-aktar tard 36 ġimħa wara l-impjantazzjoni. L-ormoni sesswali (testosteron u progesterone) jimmawwal is-suxxettibbiltà għal aċċessjonijiet fil-bnemin u fl-annimali

<sup>7</sup>F'għadam twil mingħajr konsegwenzi kliniċi jew patoloġiċi

Qtates:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati):
Żieda fl-aptit <sup>1</sup> , Żieda fil-piż <sup>1</sup> Reazzjoni fis-sit tal-impjant (Ħmura fis-sit tal-impjant <sup>2</sup> , Uġiġħ fis-sit tal-impjant <sup>2</sup> , Shana fis-sit tal-impjant <sup>2</sup> , Nefħa fis-sit tal-impjant <sup>3,4</sup> )
Frekwenza mhux determinata (Ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli):
Interess sesswali miżjud, Timriħ <sup>5</sup> Dewmien fl-ġħeluq tal-plates tat-tkabbir <sup>6</sup>

<sup>1</sup>Sa 10 % matul il-perjodu ta' effett

<sup>2</sup>Fil-jum tal-impjantazzjoni, temporanju

<sup>3</sup>Nefħa ta' < 5 mm, sa 45 jum

<sup>4</sup>Nefħa severa (> 4 cm) li ddum aktar minn 7 xhur kienet irrapportata f' 1 minn 18-il qattus fi studju tal-laboratorju

<sup>5</sup>Matul l-ewwel ġimħat wara l-impjantazzjoni, temporanjament fi qtates maskili maturi

<sup>6</sup>F'għadam twil mingħajr konsegwenzi kliniċi jew patoloġiċi

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġebok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-verinarju tiegħek. Tista'

tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapporta għgħid nazzjonali: {dettalji tas-sistema nazjonali}

## 8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni

Amministra impjant wieħed biss, ikun xi jkun id-daqs tal-kelb jew tal-qattus (ara wkoll “Twissijiet speċjali”). Irrepeti t-trattament kull 6 xhur sabiex iż-żomm l-effikaċċja fil-klieb irġiel u kull 12-il xahar biex iż-żomm l-effikaċċja fil-qtates irġiel.

Tużax il-prodott jekk il-pouch tal-fojl ikun imqatta’.

L-impjant għandu jiġi mogħti taħt il-ġilda.


## 9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett

Is-sit tal-impjantazzjoni għandu jiġi diżinfettat qabel l-impjantazzjoni biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' infezzjoni.

Aghħel is-sit tal-impjant billi ssib iż-żona tad-dahar bejn in-naħħa ta' isfel tal-għonq u ż-żona lumbari.. Evita l-injezzjoni tal-impjant ġox-xaħam, peress li l-ħelsien tas-sustanza attiva jista' jkun imxekkel f'partijiet b'vaskularizzazzjoni baxxa. Jekk is-suf ikun twil, għandha titqaxxar parti żgħira, jekk meħtieġ.

1. Neħħi t-tapp Luer Lock minn mal-impjantatur.
2. Wahħhal l-attwatur mal-impjantatur permezz tal-konnessjoni Luer Lock.
3. Għolli l-ġilda bejn l-ġhadam tal-isparel. Daħħal it-tul kollu tal-labtra taħt il-ġilda.
4. Niżżej kompletament il-plunger u, fl-istess ħin iġbed lura l-labtra bil-mod.
5. Aghħfas il-ġilda fis-sit fejn ingħatat l-injezzjoni waqt li tkun qiegħed tnejħi l-labtra, u żomm magħfus għal 30 sekonda.
6. Eżamina s-siringa u l-labtra biex tassigura li l-impjant ma baqax fis-siringa jew fil-labtra, u li l-ispejser jidher. Jista' jkun possibbli li tħoss l-impjant *in situ*.

Impjant mgħobbi minn qabel



L-impjant huwa bijokompatibbli u mhux meħtieġ li jitneħħa. Madankollu, jekk ikun meħtieġ li jitwaqqaf it-trattament, l-impjant jew il-frammenti tiegħi jistgħu jitneħħew kirurġikament minn veterinarju. L-impjanti jistgħu jinstabu bl-ultrasound.

L-attwatur jista' jerġa' jintuża.

## 10. Perjodi ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

## **11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżeen fil-friġġ (2 °C – 8 °C).

Tagħmlux fil-friża.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq il-kartuna.

## **12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi**

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

L-attwatur jista' jerġa' jintuża.

Staqsi lill-kirurgu veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

## **13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji**

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

## **14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqqsijiet tal-pakkett**

EU/2/07/072/001-002

2 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

5 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

Mhux id-daqqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.

## **15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju hija disponibbli fid-‘database’ tal-Prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

## **16. Dettalji ta’ kuntatt**

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbi għall-ħruġ tal-lott:

VIRBAC

1<sup>ère</sup> Avenue 2065 m LID

06516 Carros

FRANZA

Rappreżentanti lokali u d-detalji ta' kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

**België/Belgique/Belgien**  
VIRBAC BELGIUM NV  
Esperantolaan 4  
BE-3001 Leuven  
Tél/Tel: +32-(0)16 387 260  
phv@virbac.be

**Lietuva**  
OÜ ZOOVETVARU  
Uusaru 5  
EE-76505 Saue/Harjumaa  
Estija  
Tel: + 372 56480207  
pv@zoovet.eu

**Република България**  
ЕРГОН МИЛНОВА ЕООД  
c. Бърложница 2222, Софийска област  
Република България  
Тел: + 359 359888215520  
ergonood@gmail.com

**Luxembourg/Luxemburg**  
VIRBAC BELGIUM NV  
Esperantolaan 4  
BE-3001 Leuven  
Belgique / Belgien  
Tél/Tel: +32-(0)16 387 260  
info@virbac.be

**Česká republika**  
VIRBAC Czech Republic s.r.o.  
Žitavského 496  
156 00 Praha 5  
Česká republika  
Tel: +420 608 836 529

**Magyarország**  
VIRBAC HUNGARY KFT  
Váci utca 81. 4 emelet.  
HU-1056 Budapest  
Tel.: +36703387177  
akos.csoman@virbac.hu

**Danmark**  
VIRBAC Danmark A/S  
Profilvej 1  
DK-6000 Kolding  
Tlf: +45 75521244  
virbac@virbac.dk

**Malta**  
SEROLF TRADING AGENCY LTD.  
8, Adelaide Cini Street  
Pembroke PBK 1231  
Malta  
Tel: + 35621337231  
info@serolf.com

**Deutschland**  
VIRBAC Tierarzneimittel GmbH  
Rögen 20  
DE-23843 Bad Oldesloe  
Tel: +49-(4531) 805 111

**Nederland**  
VIRBAC Nederland BV  
Hermesweg 15  
NL-3771 ND-Barneveld  
Tel: +31-(0)342 427 127  
phv@virbac.nl

**Eesti**  
OÜ ZOOVETVARU  
Uusaru 5  
EE-76505 Saue/Harjumaa  
Eesti  
Tel: + 372 56480207  
pv@zoovet.eu

**Norge**  
VIRBAC Danmark A/S  
Profilvej 1  
DK-6000 Kolding  
Danmark  
Tlf: + 45 75521244  
virbac@virbac.dk

**Ελλάδα**  
VIRBAC ΕΛΛΑΣ ΜΟΝΟΠΡΟΣΩΠΗ Α.Ε.  
13ο χλμ Ε.Ο. Αθηνών - Λαμίας  
EL-14452, Μεταμόρφωση  
Τηλ.: +30 2106219520  
info@virbac.gr

**Österreich**  
VIRBAC Österreich GmbH  
Hildebrandgasse 27  
A-1180 Wien  
Tel: +43-(0)1 21 834 260

**España**  
VIRBAC ESPAÑA SA

**Polska**  
VIRBAC Sp. z o.o.

Angel Guimerá 179-181  
ES-08950 Esplugues de Llobregat (Barcelona)  
Tel: + 34 93 470 79 40

ul. Puławska 314  
PL 02-819 Warszawa  
Tel: + 48 22 855 40 46

**France**  
VIRBAC France  
13<sup>e</sup> rue LID  
FR-06517 Carros  
Tél: +33-(0)805 05 55 55

**Portugal**  
VIRBAC de Portugal Laboratórios LDA  
R.do Centro Empresarial  
Ed13-Piso 1- Esc.3  
Quinta da Beloura  
PT-2710-693 Sintra  
Tel: + 351 219 245 020

**Hrvatska**  
CENTRALNA VETERINARSKA AGENCIJA d.o.o. (CVA)  
Prve Ravnice 2e, 10000 Zagreb  
Republika Hrvatska  
Tel: + 385 91 46 55 115  
kz@cva.hr

**România**  
Altius SA  
Str. Zăgazului nr. 21-25, Corp A, et 8 si 8A  
Ap. A.8.2, sect 1, Bucureşti, Romania  
Tel: + 40 021 310 88 80

**Ireland**  
VIRBAC IRELAND  
McInerney & Saunders  
38, Main Street Swords, Co Dublin  
K67E0A2  
Republic Of Ireland  
Tel: +44 (0)-1359 243243

**Slovenija**  
MEDICAL INTERTRADE d.o.o.  
Brodišče 12, 1236 Trzin  
Slovenija  
Tel: + 386 1 2529 113  
farmakovigilanca@medical-intertrade.si

**Ísland**  
Vistor hf.  
Hörgatún 2,  
IS-210 Garðabær  
Sími: +354 535 7000  
safety@vistor.is

**Slovenská republika**  
VIRBAC Czech Republic s.r.o.  
Žitavského 496  
156 00 Praha 5  
Česká republika  
Tel: +420 608 836 529

**Italia**  
VIRBAC SRL  
Via Ettore Bugatti, 15  
IT-20142 Milano  
Tel: + 39 02 40 92 47 1

**Suomi/Finland**  
BIOFARM OY  
Yrittäjäntie 20  
FI-03600 Karkkila  
Puh: +358-9-225 2560  
haittavaikutukset@biofarm.fi

**Kύπρος**  
VET2VETSUPPLIES LTD  
Γαλιλαιου 60  
3011 Λεμεσος  
Κύπρος  
Τηλ: + 357 96116730  
info@vet2vetsupplies.com

**Sverige**  
VIRBAC Danmark A/S Filial Sverige  
Box 1027  
SE-171 21 Solna  
Tel: +45 75521244  
virbac@virbac.dk

**Latvija**  
OÜ ZOOVETVARU  
Uusaru 5  
EE-76505 Saue/Harjumaa/Igaunija  
Tel: + 372 56480207  
pv@zoovet.eu

**United Kingdom (Northern Ireland)**  
McInerney & Saunders  
38, Main Street Swords, Co Dublin  
K67E0A2  
Republic Of Ireland  
Tel: +44 (0)-1359 243243

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju, jekk jogħġibok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

## FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL

### 1. L-isem tal-prodott mediċinali veterinarju

Suprelorin 9.4 mg impjant għall-krieb u nimsa

### 2. Kompożizzjoni

Sustanza attiva:

Deslorelin (bħala deslorelin acetate) 9.4 mg

Impjant ċilindriku abjad li jagħti fl-isfar ċar.

### 3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

Krieb (irġiel) u nimsa (irġiel).

### 4. Indikazzjonijiet għall-użu

Għall-induzzjoni ta' infertilità temporanja fi krieb u nimsa rġiel f'saħħithom, sħaħ, u sesswalment maturi.

### 5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

### 6. Twissijiet speċjali

Twissijiet speċjali:

#### Krieb

L-infertilità tinkiseb minn 8 gimħat sa tal-anqas 12-il xahar wara t-trattament inizjali. Għalhekk, krieb ittrattati għandhom xorta jinżammu 'l bogħod minn krieb nisa sħan matul l-ewwel 8 gimħat wara t-trattament inizjali.

Fi 2 minn 30 kelb fil-provi kliniċi l-infertilità ma seħħitx sa bejn wieħed u ieħor 12-il gimħa wara t-trattament inizjali, iżda f'ħafna mill-każijiet dawn l-annimali mhumiex kapaċi li jkollhom il-frieħ. Jekk kelb jitgħammar ma' kelba bejn 8 u 12-il gimħa wara t-trattament, għandhom jittieħdu miżuri adattati biex jiġi eliminat ir-riskju ta' tqala.

Mhux komuni ġie rrappurtat nuqqas ta' effikaċja mistennija fil-krieb (fil-maġġoranza tal-każijiet ġie rrapportat nuqqas ta' tnaqqis tad-daqs tat-testikoli u/jew kelba ġiet mgħammra iżda dan ma rriżultax fi tqala). Il-livelli ta' testosterone biss (jiġifieri markatur sostitut stabbilit ta' fertilità) setgħu jikkonfermaw b'mod definitiv nuqqas ta' effikaċja tat-trattament. Jekk hemm suspetti ta' nuqqas ta' effikaċja tat-trattament, għandu jiġi verifikat l-impjant tal-kelb (eż. preżenza).

Kull tgħammir li jseħħi aktar minn 12 xhur wara t-tqegħid tal-prodott mediċinali veterinarju jista' jirriżulta fi tqala. Madankollu, mħuwiex neċċesarju li żżomm krieb nisa 'l bogħod minn krieb ittrattati

wara impjantazzjonijiet sussegwenti għall-ewwel perjodu ta' 8 ġimħat, kemm-il darba dan il-prodott mediciinali veterinarju jingħata kull 12-il xahar.

F'ċerti każijiet, l-impjant jista' jintilef minn kelb ittrattat. Jekk hemm suspectt ta' telf tal-ewwel impjant, dan jista' jiġi kkonfermat billi ma jiġi osservat ebda tnaqqis fiċ-ċirkonferenza tal-iskrotu jew fil-livelli ta' testosterone plasma wara 8 ġimħat mid-data tas-suspett ta' telf, minħabba li t-tnejn li huma għandhom jonqsu wara li l-impjant isir kif suppost. Jekk ikun hemm suspectt ta' telf tal-impjant wara li jkun ġie impjantat mill-ġdid wara 12 xhur, f'dak il-każi tiġi osservata żieda progressiva fiċ-ċirkonferenza tal-iskrotu u/jew fil-livelli ta' testosterone plasma. F'dawn iż-żewġ ċirkustanzi, għandu jiġi amministrat impjant ta' sostituzzjoni.

Il-ħila ta' klieb li jsiru missirijiet ta' ġriewi wara li l-livelli ta' testosterone fil-plażma jiġu lura għan-normal, wara l-għoti tal-prodott mediciinali veterinarju, ma ġietx investigata.

Fir-rigward ta' livelli ta' testosterone (marka stabbilita sostituta għal kejl tal-fertility), waqt provi kliniċi 68 % tal-klieb li tqiegħidilhom impjant wieħed reġgħu saru fertili fi żmien sentejn mill-impjantazzjoni. 95 % tal-klieb irritornaw għal-livelli normali ta' testosterone fil-plażma fi żmien sentejn u nofs mill-impjantazzjoni. Madankollu, tagħrif li juri r-riversibilità kompluta tal-effetti kliniċi (tnaqqis fid-daqs testikolari, tnaqqis fil-volum tas-semen, tnaqqis fl-ġħadd tal-isperma u tnaqqis fil-libido) li jinkludi l-fertility wara 12 xhur, jew impjantazzjoni ripetuta, huwa ristrett. F'każijiet rari ħafna l-infertility temporanja tista' ddum aktar minn 18-il xahar.

Minħabba *data* limitata, l-użu tas-Suprelorin fil-klieb li għandhom anqas minn 10 kg jew iż-żejjed minn 40 kg ta' piżi tal-ġisem għandhom ikunu suġġetti għal valutazzjoni ta' riskju/benefiċċju minn veterinarju. Waqt il-provi kliniċi b'Suprelorin 4.7 mg, iż-żmien medju tas-suppressjoni tat-testosteron kien ta' 1.5 darbiet itwal fi klieb żgħar (< 10 kg) imqabblin ma' klieb akbar kollha.

Kastrazzjoni kirurġika jew medika jista' jkollha konsegwenzi mhux mistennija (titjib jew aggravar) fuq l-aggressività. Għalhekk, klieb b'disturbi soċjpatici u li juru episodji ta' aggressjonijiet intraspeċifiċi (kelb ma' kelb) u/jew interspeċifici (kelb ma' speċi oħra) ma għandhomx jiġu kkastrati, la kirurġikament u lanqas bl-impjant.

### Nimsa

L-infertility (soppressjoni tal-ispermatoġenesi, tnaqqis fid-daqs tat-testikoli, livelli tat-testosteron inqas minn 0.1 ng/ml u tnaqqis ta' riħha miżża) tinkiseb minn 5 ġimħat sa tal-anqas 14-il ġimħa wara t-trattament inizjali skont kundizzjonijiet tal-laboratorju. Għalhekk, nisa ttrattati għandhom xorta jinżammu 'l bogħod minn nimsa nisa sħan matul l-ewwel ħames ġimħat wara t-trattament inizjali. Il-livelli tat-testosteron jibqgħu taħt 0.1 ng/ml għal mill-inqas 16-il xahar. Mhux il-parametri kollha tal-attività sesswali ġew ittestjati speċifikament (seboreja, immarkar bl-urina u aggressività). Kull tgħammir li jseħħ aktar minn 16-il xahar wara l-amministrazzjoni tal-prodott jista' jirriżulta fi tqala.

Il-bżonn ta' impjantazzjonijiet sussegwenti għandu jkun ibbażat fuq iż-żieda fid-daqs tat-testikoli u/jew żieda fil-konċentrazzjonijiet tat-testosteron fil-plażma u r-ritorn tal-attività sesswali.

Ir-riversabbiltà tal-effetti u l-ħila tan-nimsa rġiel li jiproduċu frieħ wara dan ir-ritorn ma ġewx investigati. Għalhekk, l-użu ta' Suprelorin għandu jkun suġġett għal valutazzjoni tal-benefiċċji kontra r-riskji li għandu jagħmel veterinarju responsabbi.

F'ċerti każijiet, l-impjant jista' jintilef minn nemes li jkun ġie ttrattat. Jekk huwa ssuspettat it-telf tal-impjant fir-rigward tal-ewwel impjantazzjoni, dan jista' jiġi kkonfermat billi wieħed josserva li ma jkun hemm tnaqqis fid-daqs tat-testikoli jew livelli tat-testosteron fil-plażma billi fit-tnejn għandu jkun hemm tnaqqis b'impjantazzjoni korretta. Jekk hemm is-suspett ta' telf tal-impjant wara r-riimpjantazzjoni, ikun hemm żidieda progressiva fid-daqs tat-testikoli u/jew il-livelli ta' testosterone fil-plażma. F'dawn iż-żewġ ċirkustanzi, għandu jiġi amministrat impjant ta' sostituzzjoni.

### Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi għal xiex huwa indikat:

## Klieb

L-użu tas-Suprelorin fi klieb qabel il-pubertà ma ġiex mistħarreġ. Għalhekk huwa rakkommendat li l-klieb jitħallew jilħqu l-pubertà qabel ma jinbeda trattament bil-prodott mediċinali veterinarju.

It-tagħrif juri li trattament bil-prodott mediċinali veterinarju jnaqqas il-libido tal-kelb.

## Nimsa

Ma ġiex investigat l-użu tal-prodott mediċinali veterinarju f'nimsa ta' qabel il-pubertà. Għalhekk huwa rrakkommendat li n-nimsa għandhom jitħallew jilħqu l-pubertà qabel ma jinbeda t-trattament bil-prodott mediċinali veterinarju.

It-trattament fin-nimsa għandu jibda fil-bidu tal-istaġun tat-tgħammir.

Ma għietx investigata s-sigurtà wara impjantazzjonijiet ripetuti b'Suprelorin fin-nimsa.

Nimsa rġiel ittrattati jistgħu jibqgħu infertili sa erba' snin. Għaldaqstant, dan il-prodott mediċinali veterinarju għandu jintuża bi prudenza f'nimsa rġiel intiżi għal riproduzzjoni fil-futur.

## Prekawzjonijiet specjalji li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-animali:

Nisa tqal m'għandhomx jamministrax il-prodott mediċinali veterinarju. Analogu ieħor ta' GnRH ġie muri li huwa fetotossiku f'animali fil-laboratorju. Ma sarux studji speċifiċi biex jevalvaw l-effett ta' deslorelin meta jkun amministrat waqt it-tqala.

Għalkemm kuntatt mal-ġilda bil-prodott muhuwiex probabbli, jekk dan iseħħi, aħsel fil-pront il-parti esposta, għaliex analogi ta' GnRH jistgħu jiġu assorbiti mill-ġilda.

Meta tkun qiegħed tamministra l-prodott mediċinali veterinarju, oqgħod attent li tevita li tinjetta lilek innifsek aċċidentalment billi tiżgura li l-annimali jkunu mrażżna kif jixraq u li l-labtra ta' biha jingħata tkun imħarsa sal-mument tal-impjatazzjoni.

F'każ li tinjetta lilek innifsek b'mod aċċidentalni, fittex parir mediku mal-ewwel u qis li turi l-fuljett tat-tagħrif jew it-tiketta lit-tabib, bil-għan li jitneħħielek l-impjant.

## Doża eċċessiva:

Klieb: L-ebda reazzjoni mhux mixtieqa ħlief għal dawk deskritti fis-sezzjoni “Effetti mhux mixtieqa” ma ġiet osservata wara l-amministrazzjoni taħt il-ġilda sa 6 darbiet id-doża rakkommadata.

Istoloġikament, reazzjonijiet lokali ħief b’infjamazzjoni kronika tat-tessut konnettiv u xi formazzjoni kapsula u deposizzjoni kollaġen ġew osservati fi żmien 3 xhur wara l-amministrazzjoni wara l-għoti taħt il-ġilda sa 6 darbiet id-doża rakkommadata.

Nimsa: Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli f'nimsa dwar doża eċċessiva.

## **7. Effetti mhux mixtieqa**

### Klieb:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati):
---

Nefħa fis-sit tal-impjant <sup>1</sup>
--

Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimal ittrattati):
--

Bidla fil-pil (Telf tal-pil, Alopecia, Modifika tal-pil) <sup>2</sup> Inkontinenza tal-urina <sup>2</sup> Tnaqqis fid-daqs tat-testikoli <sup>2,3</sup> Tnaqqis fl-attività <sup>2,3</sup> , Żieda fil-piż <sup>2,3</sup>
Rari īnfra (< 1 annimal / 10,000 annimal ittrattati, inkluż rapporti iżolati): Tlugħ tat-testikoli <sup>4</sup> , Żieda fid-daqs tat-testikoli <sup>5</sup> , Uġiġħ testikolari <sup>5</sup> Interess sesswali miżjud <sup>5</sup> , Aggressjoni <sup>6</sup> Aċċessjonijiet epilettiċi <sup>7</sup>

<sup>1</sup>Moderata, għal 14-il ġurnata

<sup>2</sup>Matul il-perjodu tat-trattament

<sup>3</sup>Sinjali assoċjati mas-sottoregolazzjoni

<sup>4</sup>Miċ-ċirku ingwinali

<sup>5</sup>Immedjatament wara l-impjantazzjoni, temporanju, jgħaddi mingħajr trattament

<sup>6</sup>Temporanju

<sup>7</sup>Bħala medja 40 ġurnata wara l-impjantazzjoni, iż-żmien medjan sal-bidu tas-sinjali kien ta' 14-il ġurnata wara l-impjantazzjoni, l-aktar kmieni fl-istess jum tal-impjantazzjoni, u l-aktar tard 36 ġimha wara l-impjantazzjoni. Fil-bnedmin u l-annimali, l-ormoni sesswali (testosteron u progesterone) jimmudlaw is-suxxettibilità għal aċċessjonijiet

#### Nimsa:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimal ittrattati): Nefħa fis-sit tal-impjant <sup>1</sup> , Ħakk fis-sit tal-impjant <sup>1</sup> , Eritema fis-sit tal-impjant <sup>1</sup>
--

<sup>1</sup>Temporanja, moderata

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta' prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f'dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma ħadmitx, jekk jogħġbok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-verinarju tiegħek. Tista' tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta' kuntatt fit-tmiem ta' dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta' rapportaġġ nazzjonali: {dettalji tas-sistema nazjonali}

## **8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta' amministrazzjoni**

#### Klieb

Amministra impjant wieħed biss, ikun xi jkun id-daqs tal-kelb (ara wkoll “Twissijiet speċjali”). Irrepeti t-trattament kull 12-il xahar sabiex iżżomm l-effikaċja.

#### Nimsa

Amministra impjant wieħed biss, irrispettivament mid-daqs tan-nemes. Irrepeti t-trattament kull 16-il xahar biex tinżamm l-effikaċja.

#### Klieb u nimsa

L-impjant għandu jiġi amministrat taħt il-ġilda bejn l-għadam tal-ispalleyn tal-kelb jew in-nemes. Tużax il-prodott mediċinali veterinarju jekk il-pawċ tal-fojl ikun imqatta’.

Mhuwiex meħtieġ li jitneħħa l-impjant bijokkompatibbli. Iżda, jekk ikun meħtieġ li jintemm it-trattament, l-impjanti jistgħu jitneħħew kirurġikament minn veterinarju. L-impjanti jistgħu jinstabu bl-ultrasound.

## **9. Parir sabiex tamministra b'mod korrett**

### Klieb

Użu taħt il-ġilda.

Id-doża rakkommandata hija impjant wieħed kull kelb, irrispettivament mid-daqs tal-kelb (ara wkoll “Twissijiet speċjali”).

Id-disinfezzjoni tas-sit tal-impjantazzjoni għandha ssir qabel l-impjantazzjoni biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta’ infezzjoni. Jekk is-suf ikun twil, għandha titqaxxar roqgħa żgħira, jekk ikun meħtieġ.

Il-prodott mediċinali veterinaru għandu jiġi impjantat taħt il-ġilda fil-ġilda mlaħalħa fid-dahar bejn in-naħħa ta’ isfel tal-għonq u ż-żona lumbari. Evita l-injezzjoni tal-impjant ġoxx-xaħam, peress li l-ħelsien tas-sustanza attiva jista’ jkun imxekkel f’partijiet b’vaskularizzazzjoni baxxa.

1. Neħħi t-tapp Luer Lock minn mal-impjantatur.
2. Waħħal l-attwatur mal-impjantatur permezz tal-konnessjoni Luer Lock.
3. Għolli l-ġilda bejn l-għadam tal-isparallel. Daħħal it-tul kollu tal-labtra taħt il-ġilda.
4. Niżżel kompletament il-plunger u, fl-istess ħin iġbed lura l-labtra bil-mod.
5. Agħfas il-ġilda fis-sit fejn ingħatat l-injezzjoni waqt li tkun qiegħed tneħħi l-labtra, u żomm magħfus għal 30 sekonda.
6. Eżamina s-siringa u l-labtra biex tassigura li l-impjant ma baqx fis-siringa jew fil-labtra, u li l-ispejser jidher. Jista’ jkun possibbli li tħoss l-impjant *in situ*.

Irrepeti l-amministrazzjoni kull 12-il xahar biex iż-żomm l-effettività.

### Nimsa

Użu taħt il-ġilda.

Id-doża rakkommandata hija impjant wieħed kull nemes, irrispettivament mid-daqs tan-nemes.

Id-disinfezzjoni tas-sit tal-impjantazzjoni għandha ssir qabel l-impjantazzjoni biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta’ infezzjoni. Jekk is-suf ikun twil, roqgħa żgħira għandha titqaxxar, jekk ikun meħtieġ.

Huwa rrakkomandat li l-prodott għandu jiġi amministrat taħt anestesija ġenerali fin-nimsa. Jekk ikun meħtieġ, tista’ tintuża kolla tat-tessut biex tagħlaq is-sit ta’ amministrazzjoni.


Il-prodott mediċinali veterinaru għandu jiġi impjantat taħt il-ġilda fil-ġilda mlaħalħa fid-dahar fl-ispazju intraskapulari. Evita l-injezzjoni tal-impjant ġoxx-xaħam, peress li l-ħelsien tas-sustanza attiva jista’ jkun imxekkel f’partijiet b’vaskularizzazzjoni baxxa.

1. Neħħi t-tapp Luer Lock minn mal-impjantatur.
2. Waħħal l-attwatur mal-impjantatur permezz tal-konnessjoni Luer Lock.
3. Għolli l-ġilda bejn l-għadam tal-isparallel. Daħħal it-tul kollu tal-labtra taħt il-ġilda.
4. Niżżel kompletament il-plunger u, fl-istess ħin iġbed lura l-labtra bil-mod.

5. Agħfas il-ġilda fis-sit fejn ingħatat l-injezzjoni waqt li tkun qiegħed tneħħi l-labra, u żomm magħfus għal 30 sekonda. Eżamina s-siringa u l-labra biex tassigura li l-impjant ma baqax fis-siringa jew fil-labra, u li l-ispejser jidher. Jista' jkun possibbli li tħoss l-impjant *in situ*. Tista' tintuża kolla tat-tessut biex tagħlaq is-sit tal-amministrazzjoni jekk meħtieġ.

Impjantazzjonijiet sussegwenti għandhom ikunu bbażati fuq żieda fid-daqs tat-testikoli u/jew żieda fil-konċentrazzjonijiet tat-testosteron fil-plażma kif ukoll ir-ritorn tal-attività sesswali. Ara wkoll “Twissijiet speċjali”.

Impjant mgħobbi minn qabel



## 10. Perjodi ta' tiżmim

Mhux applikabbli.

## 11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżeen fil-friġġ (2 °C – 8 °C).

Tagħmlux fil-friżza.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq il-kartuna.

## 12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħluġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

L-attwatur jista' jerġa' jintuża.

Staqqi lill-kirurgu veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

## 13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

## 14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqṣijiet tal-pakkett

EU/2/07/072/003-004

2 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

5 impjanti kkargati fl-impjantaturi + attwatur 1

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

## **15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott medċiñali veterinarju hija disponibbli fid-‘database’ tal-Prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

## **16. Dettalji ta’ kuntatt**

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-manifattur responsabbi għall-ħruġ tal-lott:

VIRBAC  
1<sup>ère</sup> Avenue 2065 m LID  
06516 Carros  
FRANZA

Rappreżentanti lokali u d-detalji ta’ kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

**België/Belgique/Belgien**  
VIRBAC BELGIUM NV  
Esperantolaan 4  
BE-3001 Leuven  
Tél/Tel: +32-(0)16 387 260  
phv@virbac.be

**Lietuva**  
OÜ ZOOVETVARU  
Uusaru 5  
EE-76505 Saue/Harjumaa  
Estija  
Tel: + 372 56480207  
pv@zoovet.eu

**Република България**  
ЕРГОН МИЛНОВА ЕООД  
c. Бърложница 2222, Софийска област  
Република България  
Тел: + 359 359888215520  
ergonood@gmail.com

**Luxembourg/Luxemburg**  
VIRBAC BELGIUM NV  
Esperantolaan 4  
BE-3001 Leuven  
Belgique / Belgien  
Tél/Tel: +32-(0)16 387 260  
info@virbac.be

**Česká republika**  
VIRBAC Czech Republic s.r.o.  
Žitavského 496  
156 00 Praha 5  
Česká republika  
Tel: +420 608 836 529

**Magyarország**  
VIRBAC HUNGARY KFT  
Váci utca 81. 4 emelet.  
HU-1056 Budapest  
Tel: +36703387177  
akos.csoman@virbac.hu

**Danmark**  
VIRBAC Danmark A/S  
Profilvej 1  
DK-6000 Kolding  
Tlf: +45 75521244  
virbac@virbac.dk

**Malta**  
SEROLF TRADING AGENCY LTD.  
8, Adelaide Cini Street  
Pembroke PBK 1231  
Malta  
Tel: + 35621337231  
info@serolf.com

**Deutschland**  
VIRBAC Tierarzneimittel GmbH  
Rögen 20

**Nederland**  
VIRBAC Nederland BV  
Hermesweg 15

DE-23843 Bad Oldesloe  
Tel: +49-(4531) 805 111

NL-3771 ND-Barneveld  
Tel: +31-(0)342 427 127  
phv@virbac.nl

**Eesti**  
OÜ ZOOVETVARU  
Uusaru 5  
EE-76505 Saue/Harjumaa  
Eesti  
Tel: + 372 56480207  
pv@zoovet.eu

**Norge**  
VIRBAC Danmark A/S  
Profilvej 1  
DK-6000 Kolding  
Danmark  
Tlf: + 45 75521244  
virbac@virbac.dk

**Ελλάδα**  
VIRBAC ΕΛΛΑΣ ΜΟΝΟΠΡΟΣΩΠΗ Α.Ε.  
13<sup>ο</sup> χλμ Ε.Ο. Αθηνών - Λαμίας  
EL-14452, Μεταμόρφωση  
Τηλ.: +30 2106219520  
info@virbac.gr

**Österreich**  
VIRBAC Österreich GmbH  
Hildebrandgasse 27  
A-1180 Wien  
Tel: +43-(0)1 21 834 260

**España**  
VIRBAC ESPAÑA SA  
Angel Guimerá 179-181  
ES-08950 Esplugues de Llobregat (Barcelona)  
Tel: + 34 93 470 79 40

**Polska**  
VIRBAC Sp. z o.o.  
ul. Puławska 314  
PL 02-819 Warszawa  
Tel: + 48 22 855 40 46

**France**  
VIRBAC France  
13<sup>e</sup> rue LID  
FR-06517 Carros  
Tél: +33-(0)805 05 55 55

**Portugal**  
VIRBAC de Portugal Laboratórios LDA  
R.do Centro Empresarial  
Ed13-Piso 1- Esc.3  
Quinta da Beloura  
PT-2710-693 Sintra  
Tel: + 351 219 245 020

**Hrvatska**  
CENTRALNA VETERINARSKA AGENCIJA  
d.o.o. (CVA)  
Prve Ravnice 2e, 10000 Zagreb  
Republika Hrvatska  
Tel: + 385 91 46 55 115  
kz@cva.hr

**România**  
Altius SA  
Str. Zăgazului nr. 21-25, Corp A, et 8 si 8A  
Ap. A.8.2, sect 1, București, Romania  
Tel: + 40 021 310 88 80

**Ireland**  
VIRBAC IRELAND  
McInerney & Saunders  
38, Main Street Swords, Co Dublin  
K67E0A2  
Republic Of Ireland  
Tel: +44 (0)-1359 243243

**Slovenija**  
MEDICAL INTERTRADE d.o.o.  
Brodišče 12, 1236 Trzin  
Slovenija  
Tel: + 386 1 2529 113  
farmakovigilanca@medical-intertrade.si

**Ísland**  
Vistor hf.  
Hörgatún 2,  
IS-210 Garðabær  
Sími: +354 535 7000  
safety@vistor.is

**Slovenská republika**  
VIRBAC Czech Republic s.r.o.  
Žitavského 496  
156 00 Praha 5  
Česká republika  
Tel: +420 608 836 529

**Italia**

**Suomi/Finland**

VIRBAC SRL  
Via Ettore Bugatti, 15  
IT-20142 Milano  
Tel: + 39 02 40 92 47 1

BIOFARM OY  
Yrittäjäntie 20  
FI-03600 Karkkila  
Puh: +358-9-225 2560  
haittavaikutukset@biofarm.fi

**Κύπρος**  
VET2VETSUPPLIES LTD  
Γαλιλαιου 60  
3011 Λεμεσος  
Κύπρος  
Τηλ: + 357 96116730  
info@vet2vetsupplies.com

**Sverige**  
VIRBAC Danmark A/S Filial Sverige  
Box 1027  
SE-171 21 Solna  
Tel: +45 75521244  
virbac@virbac.dk

**Latvija**  
OÜ ZOOVETVARU  
Uusaru 5  
EE-76505 Saue/HarjumaaIgaunija  
Tel: + 372 56480207  
pv@zoovet.eu

**United Kingdom (Northern Ireland)**  
McInerney & Saunders  
38, Main Street Swords, Co Dublin  
K67E0A2  
Republic Of Ireland  
Tel: +44 (0)-1359 243243

Għal kull tagħrif dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju, jekk jogħġgbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.